**L-Università ta' Malta**
Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

# "Minn kull xorta ta' qżież"

## Dun Karm u l-konfini tal-identità fil-mument tal-metafora

**ADRIAN GRIMA**

**L-Università ta' Malta**
Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA

# "Minn kull xorta ta' qżież"

## Dun Karm u l-konfini tal-identità fil-mument tal-metafora

**DR ADRIAN GRIMA**
BA, BA Unuri, MA, Ph.D

Pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2011

ISBN: 978-99957-819-0-3

Drittijiet kollha miżmuma mill-awtur u l-pubblikatur

Stampat: A&M Printing Press, il-Qala

Dan l-istudju ġie ppreżentat fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar 2011 fl-okkażjoni tal-50 sena mill-mewt ta' Dun Karm nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru 2011, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

**Nota tal-awtur**
Ħajr lil Oliver Friggieri, Nathalie Grima u Bernard Micallef li ddiskutew dan ix-xogħol miegħi jien u naħdem fuqu u lil Sandro Caruana, Albert Ganado, Nicholas Vella, Olvin Vella, Yosanne Vella u lit-Taqsima tal-Arkivji tal-Biblijoteka tal-Università ta' Malta tal-materjal li għaddewli. Ħajr ukoll lil Claire Zerafa u Joe Cassar. Naturalment, ir-responsabbiltà tal-fehmiet espressi f'dan ix-xogħol hija tiegħi biss.

Is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università
www.um.edu.mt/arts/malti

**Għalqa kbira, miftuħa beraħ**

"Għad li dwar Dun Karm inkiteb ħafna," stqarr Oliver Friggieri fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar tal-1977, il-kritiċi lokali għad għandhom quddiemhom "għalqa kbira, miftuħa beraħ bla maħduma" biex jippreżentaw "stħarriġ xjentifiku tax-xogħol tiegħu fid-dawl tal-kritika vera, ħaġa li l-letteratura Maltija teħtieġ bis-serjetà" biex tkun tista' "taqbad il-mogħdija li għaddew minnha u se jibqgħu jgħaddu minnha l-letteraturi magħrufa kollha, u tħalli darba għal dejjem l-isqaq tal-medjokrità u tal-apprezzament impressjonistiku."

Mill-inqas f'sens wieħed, kliem Oliver Friggieri fuq għalqa kbira ta' riċerka dwar il-kitba ta' Dun Karm li għadha miftuħa beraħ għal stħarriġ li jirrifletti l-għarfien tal-lum għadu verament attwali. Għax meta l-letteratura tkun "miftuħa," kif isejħilha Umberto Eco, dejjem titlob qari mill-ġdid li inevitabbilment jiktibha mill-ġdid u b'mod ġdid. Dan, fost l-oħrajn, huwa s-seħer tal-letteratura.

Iżda f'sens ieħor, dan il-kliem ta' Oliver Friggieri mill-1977 dwar *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm* ma jirriflettix l-istat attwali tal-istudji dwar Dun Karm, għax bix-xogħol ta' riċerka metikoluż u perċettiv li wettaq fuq medda ta' ħamsa u tletin sena, Oliver Friggieri mhux biss ħejja l-art biex tkun tista' tinħadem minn ħaddieħor iżda ħadimha hu stess b'passjoni u b'ġenerożità kbira li tibqa' tnebbaħ lil dawk kollha li jmissu miegħu kemm bħala bniedem kif ukoll bħala studjuż mill-aqwa.

Il-figura letterarja ta' Dun Karm hi dik li hi llum minħabba l-kritika imprezzabbli ta' Oliver Friggieri, għax il-letteratura teħtieġ il-qari, u l-qari perċettiv, biex jiftaħha beraħ.

Adrian Grima
10 ta' Novembru 2011
L-Università ta' Malta



Dun Karm f'Tuneż fl-1901
Ħajr lit-Taqsima tal-Arkivji tal-Biblijoteka, l-Università ta' Malta

**Werrej**


Kontra-Innu lil Malta 12

Il-Konfini Inevitabbli tal-Identità 18

Malta Mhux Mimsusa 25

"*Fior del mondo*" 36

Identità Verġni 42

Konklużjoni: Il-Kompliċità tal-Metafora 47

*   *   *

*A Malta* 51

Lil Malta 52

Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada 53

Liema? Bejn is-Sena 1940 u l-1943 55

Biblijografija 57

In-nazzjonaliżmu kulturali, li nfirex f'għadd ta' artijiet minn tmiem is-seklu 18 sa nofs is-seklu 19, iħares lejn in-nazzjon bħala frott organiku tal-poplu, tal-*Volk*. Skont David Aram Kaiser, in-nazzjon kulturali huwa l-inkarnazzjoni politika tal-kultura nazzjonali tal-poplu. Il-kultura nazzjonali tikkostitwixxi l-poplu, u mhux il-poplu li jikkostitwixxi l-kultura nazzjonali. L-unità ta' dan it-tip ta' nazzjon, kif kien jemmen u ried juri Dun Karm, hija bbażata fuq il-kunċett tal-kultura komuni, tad-drawwiet storiċi u soċjokulturali li jduru madwar patrimonju komuni, madwar lingwa, letteratura, drawwiet etniċi, reliġjon u anki razza komuni, basta din tkun marbuta mal-lingwa (Kaiser 19).

In-nazzjon kulturali huwa mxettel fl-ideat tad-differenza kulturali u l-awtodeterminazzjoni, u jħabrek biex jesprimi l-identità unika tiegħu, isawwar lilu nnifsu b'mod awtonomu, u jaqbad it-triq li tindikalu ruħu. Kull persuna f'dan in-nazzjon hija inkarnazzjoni ta' "tip kulturali" li jsib l-aqwa u l-iktar espressjoni sħiħa tiegħu fin-nazzjon kulturali. Għaldaqstant, m'għandu jkun hemm ebda distinzjoni jew firda bejn is-soġġettività individwali u kollettiva, bejn il-privat u l-pubbliku. "*Thus extreme forms of cultural nationalism finally recognize only one form of subjectivity, that of the cultural nation itself*" (19-20). Għal nazzjonalist kulturali bħal Dun Karm, soġġettività individwali separata minn tal-grupp hija marda ewlenija tal-modernità. Elie Kedourie jinsisti li d-duttrina tan-nazzjonaliżmu tifred lill-umanità f'nazzjonijiet separati u distinti minn xulxin. Din id-duttrina ssostni li dawn in-nazzjonijiet għandhom ikunu stati sovrani u temmen li l-membri ta' nazzjon jiksbu l-ħelsien u jilħqu l-milja tagħhom billi jikkultivaw l-identità partikulari tan-nazzjon tagħhom u billi jgħarrqu l-individwalità fil-kollettiv akbar tan-nazzjon (67).

F'dan il-kuntest, Kedourie jagħmel distinzjoni, rilevanti għal analiżi tal-ideoloġija fil-poeżija ta' Dun Karm, bejn il-patrijottiżmu, il-ksenofobija u n-nazzjonaliżmu: il-patrijottiżmu huwa s-sentiment ta' persuna li tgħożż u trid tipproteġi 'l pajjiżha (jew il-grupp tagħha), li għandha lealtà lejn l-istituzzjonijiet; il-ksenofobija hija t-twarrib tal-istranġieri, tal-barranin, u nuqqas ta' ħeġġa biex dawn jintlaqgħu fil-grupp. Ebda sentiment universali minn dawn it-tnejn ma jiddependi minn antropoloġija partikulari, jgħid

Kedourie, u ebda wieħed minnhom ma jemmen f'duttrina partikulari tal-istat jew tar-relazzjoni li għandha l-persuna mal-istat. Kif turi l-poeżija patrijottika ta' Dun Karm, in-nazzjonaliżmu jiġbor fih iż-żewġ sentimenti: huwa duttrina komprensiva li twassal għal stil distintiv ta' politika li huwa frott il-ħsieb Ewropew fis-seklu 19. Il-konfini bejn dawn it-tliet fenomeni huma mċajpra u kultant konfużi għax id-duttrina nazzjonalista kkapparrat is-sentimenti universali tal-patrijottiżmu u l-ksenofobija u "ħaddmithom biex taqdi antropoloġija u metafiżika speċifika" (Kedourie 68). F'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," Dun Karm mhuwiex interessat fil-politika nazzjonali fis-sens dejjaq tat-tmexxija ta' kuljum tal-pajjiż, imma fid-direzzjoni morali, u għalhekk kulturali u soċjali, li jemmen li għandha taqbad Malta minflok dik li qed jaraha taqbad u li biha qed tittradixxi l-kultura distintiva tal-ġens Malti.

L-istorja tal-Appell uffiċjali miktub minn Dun Karm li ħareġ l-ewwel Gvern responsabbli Malti biex titfakkar il-ġrajja tal-Assedju l-Kbir, li tidher regolarment fil-poeżiji tiegħu bħala mument kruċjali fil-ħolqien ta' identità kulturali u morali, hija sintomatika tal-pożizzjoni ideoloġika tiegħu. Dun Karm jgħid li meta fl-1922 l-ewwel Prim Ministru Malti, Joseph Howard, bagħat għalih biex jitolbu jikteb Appell bit-Taljan u bil-Malti, hu nħasad u qal lil Howard li "jiena qatt ma ħadt parti attiva fil-politika, anqas f'affarijiet oħra pubbliċi." Skont il-poeta, il-Prim Ministru rrikonoxxa li Dun Karm kien żamm 'il bogħod mill-politika, u qallu li kien għalhekk li ried lilu jagħmel id-diskors, għax "ma rridx ħaġa politika, iżda ħaġa patrijottika li tqanqal sentimenti ta' ġieħ u ta' mħabba lejn Malta." Jidher li l-Appell intlaqa' mill-partiti kollha, kif jgħid Dun Karm stess, "għad-definizzjoni jew aħjar il-konċett tiegħu ta' patrija u x'inhuma l-ħwejjeġ li minnhom issawwar, fost oħrajn, u xejn inqas, mil-lingwa" (Cassar Pullicino 30-1), ħsibijiet li għandhom mill-patrijottiżmu u min-nazzjonaliżmu minħabba d-definizzjoni tal-ġens Malti. "Il-Patrija," kiteb Dun Karm (skont traduzzjoni ta' Cassar Pullicino),

> hija kelma msaħħra li tidħol dritt fil-qalb, li tqanqal xbihat l-iżjed imdawla, li tiġbor fiha l-ogħla ħsibijiet u l-aqwa rieda u ħeġġa għat-tiswir u t-twettiq ta' ideali sublimi: il-għaliex il-Patrija tfisser dak kollu li poplu jista' jkollu li jkun tal-ikbar imħabba, ħaġa l-iżjed intima u li ma tistax tiġġarraf. Għalija l-

Patrija hija s-sema tagħna, il-baħar tagħna, il-portijiet tagħna, l-art tagħna: il-Patrija hija r-reliġjon tagħna, l-ilsien tagħna, id-drawwiet tagħna; il-preistorja tagħna, unika fid-dinja kollha għall-ġmiel u għall-importanza ta' monumenti. Għalhekk fit-tifsira ta' Patrija jidħlu nies, postijiet, u fuq kollox dati li ma jintesewx (Cassar Pullicino 32).

Dun Karm kiteb fil-kuntest storiku u kulturali ta' Romantiċiżmu li minn naħa osserva lil Malta u min-naħa l-oħra sawwarha bħala ġens kburi b'nisel etniku, lingwa, reliġjon, u kultura qadima għanja u fl-istess ħin ħajja. Parti sew mix-xogħol poetiku tiegħu ħabirket biex tibni immaġinarju nazzjonali għal poplu li qajla kien jara lilu nnifsu bħala ġens li jistħoqqlu d-dinjità ta' popli ikbar u iktar b'saħħithom; parti oħra nqatgħet minn dak li Oliver Friggieri jsejjaħlu "l-għeluq tad-definizzjoni nazzjonali" u sawret diskors poetiku dwar il-bniedem bħala ċittadin tal-univers. Fit-tielet u l-aħħar fażi tar-Romantiċiżmu Malti, iddominata mill-figura imponenti ta' Dun Karm u magħluqa mill-kitba aħħarija ta' Karmenu Vassallo, "tkompliet u sseddqet it-tradizzjoni Romantika Ewropea, direttament Taljana, li minkejja li kienet għaddiet fil-kontinent, f'Malta kienet għadha l-unika li setgħet tfisser il-qagħda storika-kulturali, u l-aktar is-sens tal-identità nazzjonali" (Friggieri, *Dizzjunarju*, taħt "Romantiċiżmu"). Fl-iktar perjodu kreattiv u produttiv tal-ħajja tiegħu bħala poeta, il-poeżija ta' Dun Karm ħabirket biex issawwar identità kollettiva bi storja qadima u fl-istess ħin tistħarreġ il-mistoqsijiet il-kbar dwar l-eżistenza mwiegħra tal-bnedmin fil-ħajja. Dan l-istudju jiffoka fuq il-kitba tiegħu minn naħa bħala portavuċi u min-naħa l-oħra bħala viżjonarju ta' poplu ċkejken u sikwit mingħajr leħen. Il-Malta li jippreżenta Dun Karm, "hija gżira li għadha trid tagħraf lilha nnifisha biex tagħraf tħoll l-irbit tal-kolonjaliżmu politiku u spiritwali" u hija wkoll art "li għadha trid tibni letteratura ta' siwi artistiku bil-Malti." F'dan il-proċess, jikteb Oliver Friggieri, il-qofol huwa l-poplu Malti, il-ħaddiema u l-kultura tagħhom marġinalizzata miċ-ċentri tal-poter, u mhux l-orjentament letterarju barrani (*Dun Karm* 21), li jidher bħala theddida għas-sovranità kulturali tal-Maltin. Dun Karm jagħmel mill-poeżija għodda li kapaċi tikkostruwixxi nazzjon kulturali mxettel fl-ideat tad-differenza kulturali u l-awtodeterminazzjoni u mnebbaħ, hu u jibniha, mit-twemmin kważi reliġjuż fl-identità unika tiegħu.

**Kontra-Innu lil Malta**

Waħda mill-poeżiji ta' Dun Karm li jistabbilixxu l-konfini ċari tal-identità kulturali Maltija kif ifassalha d-diskors Romantiku Malti hija l-kontra-innu tiegħu "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," aktarx l-iktar xogħol mgħaddab ta' Dun Karm u waħda mill-iktar poeżiji metaforikament konvinċenti tiegħu, poeżija li segwiet bir-reqqa l-parir ta' Orazju li "kull xogħol li tixtieq tagħmel / magħqud fil-ħsieb ikun u wieħed f'kollox" (vv. 30-31). Dan il-kontra-innu lil Malta, li Dun Karm xandru fl-1934 fil-perjodiku *Leħen il-Malti* tal-istudenti tal-Università, jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-konfini bejn aħna u l-Oħrajn, bejn ta' ġewwa u ta' barra, bejn ir-raħal u l-belt, bejn Malta tal-bieraħ u tal-lum, u bejn Malta u d-dinja, u jqiegħed fuq dawn il-konfini spazjali l-kontrapożizzjoni metaforika bejn is-safa u l-ħmieġ, bejn is-saħħa u l-mard.

L-ewwel strofa, verament memorabbli, tal-poeżija "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" tistabbilixxi minnufih il-konfini, li għal Dun Karm huma ċari ħafna, bejn Malta, irrappreżentata mill-ġisem ta' mara "belha" minħabba l-imġiba sesswali laxka tagħha (li saħansitra tissuġġerixxi li hi prostituta) u għalhekk hija l-antiteżi tal-omm nazzjonali kasta li tiddomina l-viżjoni patrijottika tiegħu, u d-dinja. L-element ġdid jinsab fil-fatt li l-immoralità, li normalment jassoċjaha mad-dinja ta' barra, issa jidentifikaha ma' Malta. Fil-fatt, f'din ir-rappreżentazzjoni sterjotipika kemm ta' Malta kif ukoll tal-mara, il-mara-Malta mhijiex suġġett jew aġenta tal-istorja tagħha, iżda vittma tal-Oħrajn, tal-barranin sterjotipiċi, anonimi, qarrieqa u amorali (ara Grima, "Dominant Metaphors," 67-8). Din hija rappreżentazzjoni tipika tar-Romantiċiżmu Malti.

Il-firda netta bejn ta' ġewwa u ta' barra jikkonfermaha f'termini testwali fit-tielet strofa meta jirreferi għas-semm "barrani," il-ħażen, l-immoralità rampanti li dieħla ġol-ibliet Maltin. Fil-poeżiji nazzjonali u identitarji tiegħu, Dun Karm jipproponi l-programm kulturali tiegħu li kapaċi jgħaqqad il-poplu Malti u permezz tiegħu jħares l-interessi tiegħu mis-"semm" barrani. Dan il-programm, li jkopri mill-inbid sar-reliġjon u l-valuri tradizzjonali u patrijarkali li fuqhom hija mibnija l-familja kif jixtieqha Dun Karm, jidher inevitabbilment insulari għax il-poeta jrid jgħaqqad il-ġens Malti billi jeskludi dak li jidhirlu li mhuwiex Malti. Il-preferenza tal-poeta għal dak li hu jqisu bħala Malti jistqarrha f'poeżija

bħal "Lid-Dielja" li fiha l-inbid Malti huwa "safi" (v. 11), waqt li dak barrani huwa "taparsi nbid" (v. 15), "semm" (v. 38), u min jixtrih ikun qed jixtri l-mewt bi flusu (v. 20) (ara Grima, "*Dgħajjes*"). Id-dgħajjes li jwasslu dan l-inbid f'Malta huma "qodma u maħmuġin" (v. 14), u l-barranin huma nies qarrieqa, inkejjużi u insolenti li jidħqu bil-Maltin f'wiċċhom:

O Malta tiegħi, ma rajthiex id-daħka,
Ma smajthiex tfaqqa' fuq xofftejn barrani?
(vv. 21-22)

F'Dun Karm, il-ħajja tal-belt hija assoċjata "*with all that is artificial and unnatural, as against the free life of the country, symbol of guilelessness and natural simplicity*" (P. Grech 39). Anki Grech jirrikonoxxi li din l-idealizzazzjoni tal-kampanja "*is a gross exaggeration of course*" għax ma kienx hemm daqshekk differenza bejn in-nies tal-ibliet u l-irħula (40), però differenza oġġettiva, speċjalment qabel it-Tieni Gwerra Dinjija meta kiteb ħafna mill-poeżiji tiegħu Dun Karm, kien hemm (Cassar 250-1).

Irid jingħad li l-belt jiddemonizzawha anki awturi apertament xellugin ta' żmienu bħal Ġużè Bonnici u Ġużè Ellul Mercer. Ir-rumanz *Ħelsien* (1939) ta' Ġużè Bonnici jara l-belt bħala l-bejta tal-ħażen (107), tal-"ħejm" (100) u tal-"frugħa denniesa" (135), fejn kollox huwa ġdid u aljen (152), fejn hemm ħalq il-lupu (152), l-arroganza u s-sens ta' superjorità (155), il-bruda u n-nuqqas ta' rispett lejn bnedmin oħrajn (158), il-falzità (161), u "l-ħarsa biċ-ċiera taż-żgħażagħ beltin" (172), waqt li r-raħal, bid-difetti provinċjali kollha tiegħu u mhedded mill-belt u "l-iskola" tagħha, fl-aħħar mill-aħħar huwa l-lok tal-irġulija (188). L-idea li l-belt hija identifikata mat-taħsir li jġibu magħhom l-iskola, il-kotba u t-tagħlim (188) torbot mal-identifikazzjoni tal-kotba mas-"semm" li jagħmel iz-ziju tal-protagonista, Dun Karm, f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) ta' Ellul Mercer meta jitkellem dwar "is-semm li kien rada' Leli mill-kotba" (164). Fit-test storiku klassiku tiegħu tal-1647, *Della Descrittione di Malta*, Gio Francesco Abela donnu jantiċipa r-raġunament ta' Dun Karm dwar is-semm li jinfirex minħabba t-telfien tal-fidi Kattolika meta jimplika li f'Malta, "din il-gżira mqaddsa" "*santificata*," "it-tossiku mhuwiex tossiku, il-velenu mhuwiex velenu" minħabba l-Kristjaneżmu li tħaddan u s-sagrifiċċju ta' dawk li ddefendew il-fidi Nisranija, "il-ħafna demm li xerrdu l-

Kavallieri Reliġjużi, ħafna suldati Nsara," għall-"imħabba ta' Kristu, għall-glorja ta' San Ġwann, għad-difiża tal-fidi mqaddsa" (13).

F'Settembru tal-1944, fir-rima tat-taqlib soċjali kbir li ġabet magħha t-Tieni Gwerra Dinjija, bl-emigrazzjoni interna ta' ħafna nies mill-bliet li marru jgħixu fil-kampanja u t-taħlit kbir bejn il-Maltin u s-suldati tas-Servizzi Ingliżi, Dun Karm ippubblika sunett bl-isem ta' "Liema? Bejn is-Sena 1940 u l-1943" f'*Il-Malti* li minħabba xebh tematiku u metaforiku jista' jitqies bħala kontinwazzjoni tad-diskors letterarju f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" miktuba għaxar snin qabel. F'"Liema?" Dun Karm jistqarr bla tlaqliq fil-vers aħħari tas-sunett, fil-quċċata tematika tiegħu, li l-bluha ("belha," v. 4 u "iblah," v. 11) tal-mara-Malta moralment laxka li "titmiegħek" fi "mħabbiet bla ġieħ" (v. 4) hija riżultat tal-"maskra li ġiebu l-barranin" (v. 14), tal-wiċċ b'ieħor, tal-ingann tagħhom, waqt li Malta l-"mara għaqlija" (v. 5) mgħottija u moħbija, li "Tinsatar f'libsa rżina" (v. 6) u "Fid-dar t'Alla titnaddaf minn kull ħtija" (v. 7), hija l-"wiċċ sabiħ tal-art setgħana" (v. 13). B'dan il-mod, il-poeta jikkonferma li l-programm kulturali tiegħu għal Malta, is-sistema konċettwali tiegħu teħtieġ oppożizzjoni binarja (ara Morris 195, 196) bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-mara kasta, irżina u l-mara moralment laxka, il-prostituta; bejn aħna u huma; bejn il-Kattoliċi u dawk li mhumiex Kattoliċi; bejn il-Maltin u l-barranin. F'dan it-tip ta' viżjoni tad-dinja, "aħna" t-tajbin, l-innoċenti, u "huma" l-ħżiena, il-ħatja, u jekk hemm xi ħtija fostna, xi nuqqas, ġejja mingħandhom, mhix intrinsikament tagħna (Maalouf 28).

Jista' jkun li huwa minħabba din l-influwenza ħażina barranija li l-kritika ħarxa li jagħmel Dun Karm lil Malta f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" permezz tas-similitudni "bħal miżbla" mhix qawwija daqs il-ġieħ li jtiha permezz ta' metafora meta jsejħilha "l-warda tad-dinja." Aristotli jsostni li l-metafora hija iktar qawwija, iktar diretta, effettiva u eleganti mis-similitudni: it-taħdit u r-raġunar huma ħajjin skont kemm iġegħluna naħfnu idea ġdida mill-ewwel, u f'dan is-sens, skont Aristotli l-metafora iktar kapaċi tgħallem u tipprovoka l-ħsieb mis-similitudni li ddgħajjef id-dinamiżmu tat-tqabbil billi ddaħħal terminu ta' komparazzjoni (Ricoeur 28); min-naħa l-oħra, ix-xebh mal-miżbla għandu l-qawwa straordinarja tiegħu wkoll għax Dun Karm rarament juża lingwaġġ daqshekk dispreġġjattiv fuq Malta, iktar u iktar jekk se jindirizzaha, u din ix-xbieha

aktarx li tibqa' tidwi iktar minn dik iktar konvenzjonali u komuni tal-warda. Skont Oliver Friggieri, dan il-paragun bejn Malta u l-miżbla "aktarx" huwa "l-iżjed wieħed qalil li Dun Karm qatt uża kemm għal Malta u kemm għal kull aspett uman ieħor;" dan minkejja li jwarrab il-konċiżjoni metaforika u "l-kelma 'bħal' tnaqqas għal ftit il-gravità tal-paragun," għax flok "bħal" il-poeta seta' faċilment kiteb, "il-," sirt il-miżbla minflok "sirt bħal miżbla" (*Mekkaniżmi* 14). Skont Friggieri, minn banda Dun Karm "irid jgħajjar lil Malta u jinkludi l-kelma 'miżbla,'" u mill-banda l-oħra ma jixtieqx jidentifikaha għalkollox ma' miżbla (*Mekkaniżmi* 15) u għalhekk jinfilsa kelma intermedjarja li tistabbilixxi distanza bejn iż-żewġ kunċetti: għax, normalment, "is-superlattiv tat-tifħira hawn jitlob is-superlattiv tal-kundanna wkoll" (*Mekkaniżmi* 15), iżda l-poeta donnu ma jridx jasal s'hemm. Fl-istess ħin, minbarra kompetizzjoni, bejn il-metafora u s-similitudni hemm ukoll kollaborazzjoni, għax "il-poeti jinqdew sikwit bit-tnejn, billi jqegħduhom waħda ħdejn l-oħra, jew billi jħallu lil waħda tħaddan lill-oħra wkoll" (Friggieri, *Mekkaniżmi* 14). L-effett aħħari, madankollu, huwa dak ta' identifikazzjoni, almenu temporanja, ta' Malta ma' mara sesswalment laxka, li tmur ma' kulħadd, għax ruħha "mardet" (v. 9).

F'din l-ewwel strofa tal-poeżija, li tikkondizzjona l-għaxar strofi ta' warajha, hemm relazzjoni kumplessa bejn il-metafori ewlenin li jiddefinixxu lil Malta, u għalhekk huma xhieda tad-dinja metaforika soda imma fl-istess waqt kumplessa li joħloq Dun Karm bl-omm u d-dar tat-tfulija fil-qalba nett. Il-warda li magħha jidentifika minnufih lil Malta-mara fl-ewwel vers tal-poeżija mhijiex biss simbolu ta' sbuħija fiżika iżda, kif jidher fil-"warda tax-xbubija" tas-seba' vers, simbolu tax-"xbubija": Arberry jittraduċi "xbubija" sempliċiment bħala "*youth*" (91) waqt li Dun Karm ifisser "*girlhood*," fost l-oħrajn, bħala "xbubija" fid-dizzjunarju tiegħu. Il-"warda" tal-poeżija tirrappreżenta mara li għadha xebba, verġni, mhux miżżewġa jew sesswalment attiva, għax għal Dun Karm "xebba" hija verġni, "mara li ma għarfet qatt raġel" (Psaila, *Dizzjunarju*, taħt "*virgin*"), u mhux bilfors tfajla (żagħżugħa). F'dan is-sens, hija l-kontroparti tal-"mara belha," imma permezz ta' mill-inqas tliet metafori f'salt: għax Dun Karm jibda minnufih dan il-kontra-innu tiegħu, l-uniku innu lil Malta li jagħżel Arberry għall-antoloġija *Dun Karm Poet of Malta*, b'apostrofi lil Malta, jindirizzaha bħallikieku mara, kif jagħmel fl-innijiet tiegħu "lil

Malta" ("Lil Malta," "Lil Malta – Għanja," "Lil Malta – 11.XI.42," "Lil Malta – Wara l-Ġieħ tal-George Cross," "Innu Malti," "Biki ta' Omm – Black Market, eċċ.," "Lil Malta. Wara Elfejn Attakk mill-Ajru," u "Innu tal-Emigranti Maltin lil Malta"); fl-istess waqt, lil din il-Malta-mara jsejħilha metaforikament "warda," fis-sens ta' fjura u dan jikkonfermah id-dizzjunarju tiegħu li fih jittraduċi "*flower*," fost l-oħrajn, bħala "fjur, warda," waqt li "*rose*" hija "warda" biss. Dan it-twaħħid mal-fjura huwa marbut mal-espressjoni "*Malta fior del mondo*" li fis-snin tletin tas-seklu 20 kisbet sinifikat politiku. Iżda mhux mistura wisq taħt il-wiċċ ta' din il-metafora espliċita hemm metafora oħra li teħodna lura lejn il-metafora nazzjonali ċentrali tiegħu, għax Dun Karm qed jalludi għal interpretazzjoni metaforika ta' "warda," dik tax-xbubija.

Minkejja din id-dinamika konċettwali kumplessa ta' metafora ġo metafora ġo metafora, ta' Malta-mara f'Malta-mara-warda f'warda-xbubija, il-ftuħ tal-poeżija jinħass naturali, kemm għaliex Dun Karm qed jinqeda (b'mod dinamiku) bi tradizzjoni metaforika magħrufa fil-letteratura inġenerali u fir-Romantiċiżmu Malti, kif ukoll għaliex il-metafora għandha appuntu din il-qawwa straordinarja: li tesprimi l-kumplessità b'mod dirett, b'eleganza u b'ħila intuwittiva. Fil-metafora hemm intuwizzjoni u kostruzzjoni; il-proċess intuwittiv, kif jikteb Ricoeur, it-tlaqqigħ ta' dak li hu mbiegħed, differenti, "*contains an irreducibly discursive moment*," fih mument essenzjalment diskursiv (231) li jmiss lill-qarrejja b'ċerta ħeffa. Barra minn hekk, kif jgħid Eco, anki "*the most ingenuous metaphors are made from the detritus of other metaphors – language speaking itself*" (256), u allura jieħdu sehem fid-dinamika ħajja ta' lingwa sa ċertu punt magħrufa.

Wieħed mill-isbaħ elementi fl-analiżi ta' Ricoeur huwa r-riferiment għall-"mument" tal-metafora, għall-azzjoni u l-leħħa tagħha, għas-sorpriża li tasal f'salt imma hija parti minn dinamika diskursiva, minn xibka mqarba ta' kliem. Għax fid-dikjarazzjoni inizjali ta' Dun Karm, "Kont il-warda," m'hemmx biss il-Malta-warda, jew il-Malta-mara-warda, imma hemm ukoll il-verb fil-perfett "kont" li jindika azzjoni li spiċċat jew stat li spiċċa. L-użu tal-imperfett, waqt li xorta jindika trasformazzjoni, stat li nbidel f'ieħor, ma kienx jordom il-warda fil-passat. Dun Karm seta' kiteb xi ħaġa bħal "Inti l-warda tad-dinja" minflok "Kont il-warda"

("Inti l-warda tad-dinja u sirt bħal miżbla"), imma l-għażla tal-perfett "kont" diġà tħabbar id-disprezz tal-poeta, li normalment jidealizza l-passat nazzjonali (u personali), lejn dak li saret Malta llum.

Meta l-poeta jikkwalifika lil din il-warda permezz tal-frażi "tad-dinja" jkun qed jagħtiha dimensjoni spazjali u politika u fl-istess ħin ikun qed iħejji għas-similitudni, b'element metonimiku minħabba l-kontigwità semantika bejn il-pajjiż u l-miżbla, ta' Malta li saret bħal miżbla, il-kulminu tal-ħmieġ, id-dinja tiegħu, l-iktar post moqżież fejn jinġema' l-ħmieġ kollu. It-tqegħid ħdejn xulxin tal-kunċett ta' Malta u l-kunċett tal-miżbla l-ewwel jissorprendi, imbagħad joħloq ċerta konfużjoni emozzjonali, u fl-aħħar jikxef relazzjoni moħbija taħt il-paradoss, li f'dan il-każ hija relazzjoni mhux tas-soltu bejn pajjiż deskritt bħala warda safja u delikata li sar bħal spazju konfuż ta' diżordni u ħmieġ. Waqt li s-similitudni tiżviluppa u fl-istess ħin tikkonsma u teżawrixxi l-qrubija bejn l-enigma u l-metafora mibnija fuq l-identifikazzjoni stramba ta' "dan" ma' "dak," il-metafora tippreserva din il-qrubija permezz tal-qosor tal-espressjoni tagħha. "*Deviation in the use of names proceeds from deviation in attribution itself – from what the Greeks call* para-doxa, *that is, a divergence from pre-existing* doxa" (Ricoeur 29), devjazzjoni u tbegħid mit-twemmin u l-opinjoni popolari. Il-paradoss huwa akbar fil-metafora milli fis-similitudni, imma "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" turi li anki similitudni kumplessa bħalma hi din tal-"miżbla," li Dun Karm jibni fuqha matul il-poeżija permezz tar-referenzi għal "kull xorta ta' qżież dieħel ġe' fik" (v. 2), "mardet" (v 9), "jitkażbru bid-dnubiet" (v. 12), "is-semm barrani" (v. 10), "is-semm joktor u jiġri" (v. 13), "il-pesta" (v. 13), "il-ħsara" (v. 15), u "l-frugħat" (v. 24), jista' jkollha rwol ċentrali, forsi anki dominanti fid-diskors. Dan jista' jseħħ mhux biss għaliex il-paragun, fil-kuntest tal-poeżija ta' Dun Karm, bejn Malta u miżbla, hu kemm hu medjat, jibqa' jdarras, iżda għaliex konxjament il-poeta jqiegħdu f'kontrapożizzjoni max-xbieha metaforika delikata tal-warda u jħalli l-effett li tħalli l-kontrapożizzjoni fonoloġika bejn iż-"ż," il-"b" u l-"l" li tibqa' tidwi tul il-poeżija u tqanqal lill-erwieħ ħosbiena f'qabarhom.

L-użu tal-ġisem fl-identifikazzjoni metaforika ta' Malta ma' mara u tal-miżbla mal-ġisem ta' mara, u bil-kontra, għandu għeruq fondi, għax il-ġisem huwa sors universali għal metafori ġodda li mbagħad jgħaddu mill-

filtru tal-kulturi individwali: "*While the body is a potentially universal source for emerging metaphors, culture functions as a filter that selects aspects of sensori-motor experience and connects them with subjective experiences and judgments for metaphorical mappings.*" Il-metafori, imxettlin fl-esperjenza tal-ġisem, jingħataw forma skont l-interpretazzjoni tal-kultura, għax "*metaphors are embodied in their cultural environment*" (Yu 247), u dan jidher sew fil-metafori ta' din il-poeżija ta' Dun Karm għax l-interpretazzjonijiet li jipproponu jirriflettu l-ideoloġija konservattiva tal-poeta fejn tidħol il-moralità pubblika, speċjalment is-sesswalità, u l-konfini li jimponi fuq l-idea tiegħu tal-identità kulturali Maltija. Is-semantika konjittiva ssostni li moħħna huwa magħmul b'tali mod li s-sistemi konċettwali tagħna jisiltu l-iżjed mill-karatteristiċi ta' ġisimna u tal-ambjenti fiżiċi u kulturali tagħna (247). Għal Lakoff u Johnson dan huwa inevitabbli għax l-esperjenza hija kollha kemm hi kulturali u aħna nesperjenzaw id-dinja b'mod li l-kultura tagħna hija preżenti diġà fl-esperjenza nfisha (57). Eco jisħaq li s-suċċess tal-metafora huwa riżultat (jew "funzjoni") tal-format soċjokulturali tal-"enċiklopedija" ta' dawk li qegħdin jinterpretaw (254) u li l-metafora hija l-għodda li permezz tagħha nifhmu l-"enċiklopedija" aħjar (256). F'din il-perspettiva, il-metafori jinħolqu biss fuq il-bażi ta' qafas kulturali rikk, jiġifieri fuq il-bażi ta' univers ta' kontenut li hu diġà organizzat f'"*networks of interpretants, which decide (semiotically) upon the identities and differences of properties*" (254-5). Filwaqt li hu interpretu ta' kultura, Dun Karm jiddetermina wkoll l-interpretazzjonijiet li twettaq dik il-kultura.

## Il-Konfini Inevitabbli tal-Identità

It-tielet riferiment għall-barranin, assoċjat mal-Assedju l-Kbir, fis-sitt strofa ta' "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," huwa għall-"għadu li ħadd ma kien rebaħ," jiġifieri l-Misilmin: f'din il-poeżija Dun Karm juża biss il-kelma "għadu" (u f'"A Malta," "*Chè tu sei bella, o che de la tua gloria / t'ammanti nel Settembre*"), iżda f'"Il-Għanja tar-Rebħa," il-poeżija li qanqlet lil Laurent Ropa biex isejjaħ lil Dun Karm il-poeta nazzjonali Malti fl-1935 (Friggieri, *Dun Karm* 116), isemmi speċifikament "il-Mislem ħajjen" (v. 26) u "l-Misilmin" (v. 36), għax fil-konċezzjoni ta' Dun Karm l-Assedju l-Kbir kien battalja reliġjuża iktar milli t-tentattiv ta' qawwa ta' din id-dinja biex taħkem oħra bl-iskuża, fost l-oħrajn, tar-reliġjon. Fl-1934 l-arkeologu filo-Faxxista Taljan

Luigi M. Ugolini kiteb li fi żmien il-Kavallieri Malta kellha tiddefendi ruħha, "*con divino slancio contro le orde mussulmane*" (*Origini* XI), u mhux sempliċiment mill-Imperu Ottoman. Mitt sena qabel, fl-1838, il-kittieb Protestant Badger tkellem ukoll dwar ir-rwol ta' Malta bħala forti kontra l-Iżlam, bħala "*the bulwark of Christendom against the bloody banner of Islamism and infidility*" ("Preface"). F'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għadu" ftit huwa dak li jgħid Dun Karm dwar dan l-għadu, għajr li kien b'saħħtu ħafna u jgħir għall-gżejjer Maltin (bl-"għodda tal-għira" tiegħu, v. 19), u għalhekk ried jeħodhom taħt idejh: il-poeta iktar ħsiebu li jikteb dwar il-Maltin, dwar ta' ġewwa, milli dwar dawk li qed jassedjawhom minn barra (aktarx l-Ewropej) bl-imġiba skont hu immorali tagħhom, bħalma kienu assedjawhom il-Misilmin fl-Assedju l-Kbir.

Il-viżjoni tad-dinja ta' Dun Karm u l-kostruzzjoni tiegħu tal-identità Maltija kellhom influwenza kbira fuq kittieba oħrajn ta' żmienu u ta' wara l-Indipendenza u fuq id-diskors identitarju Malti b'mod ġenerali. Dan jidher fir-rappreżentazzjoni tal-figura ta' Dun Karm innifsu. Iżda jeżisti ritratt tiegħu, li Ġużè Cardona, il-bijografu tiegħu, isejjaħlu "sensazzjonali," meħud fil-belt kożmopolita ta' Tuneż fl-1901 meta l-poeta-qassis kellu 30 sena, li fih jidher liebes ta' Għarbi, li fil-kultura u l-letteratura Maltija huwa sinonimu mal-Musulman; huwa ritratt li ma jintwera kważi mkien, u ma telax meta fittixt xbieha tiegħu fuq l-internet. Huwa ritratt li aktarx jiskunċertana għax jagħtina idea ta' Dun Karm li ma taqbel xejn mal-immaġni li bena tiegħu nnifsu u li bnew dawk li kitbu u tkellmu fuqu matul iż-żmien. Dan ir-ritratt, li jittrażgredixxi l-konfini ċari li stabbilejna għall-personalità kulturali tiegħu, jinvadi l-ispazju ikonografiku merfugħ għal Dun Karm b'mod kważi komiku u karikaturali, qisu xi ħadd qabad ritratt "sagru" ta' Dun Karm u għamel sagrileġġ bih, irredikolah u miegħu rredikola lilna u l-immaġni li bnejna tagħna nfusna u tal-konfini tal-kultura tagħna bħala Maltin.

"L-aktar ritratt sensazzjonali," jikteb Cardona, hu dak ta' Dun Karm "liebes ta' Għarbi." X'fettillu jieħdu Dun Karm biss jista' jgħid, iżda Cardona jirraġuna li ried ikollu tifkira ta' dik l-art, għax li tieħu "ritratt bi lbies Għarbi jibqa' dejjem ifakkru f'dik l-art hekk qrib tagħna, iżda hekk differenti minna fid-drawwiet, fit-twemmin, fil-kultura u fl-arkitettura"

(56-57). Minħabba l-kuntest kollu, il-bniedem min hu u x'jirrappreżenta fid-diskors kulturali dominanti f'Malta; minħabba l-fatt li kien qassis, u wara sar monsinjur; li f'Malta huwa sinonimu man-negazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex Kattoliku Ruman; li kien wieħed mill-persunaġġi ewlenin, kif jgħid Oliver Friggieri, "li għenu fil-formazzjoni ta' kuxjenza nazzjonali" (Xuereb), minħabba dan kollu, ritratt ta' Dun Karm liebes dan l-ilbies qisu ċajta goffa.

Imma fil-fatt, dan ir-ritratt huwa konferma u mhux negazzjoni tad-diskors dominanti dwar l-identità u l-kultura rappreżentat mill-poeżija u l-figura tal-Poeta Nazzjonali. Hemm element qawwi ta' Orjentaliżmu fih, għax donnu huwa parti minn tradizzjoni Ewropea u Ewroċentrika li trid tikkostruwixxi rappreżentazzjoni eżotika tal-Għarab li jilbsu ċerti kostumi "mhux tas-soltu," jiġifieri mhux bħal tagħna, u tqiegħed elementi apposta fir-ritratt li jikkonfermaw dan il-karattru eżotiku, bħall-kefija tal-bedwini, l-ixkubetta u t-"tavolina" bl-iskultura u d-disinji Orjentali. Huwa ritratt ikkummissjonat minn turist, liebes, kif qalli l-poeta magħruf Tuneżin Awlad Ahmed, ilbies tradizzjonali tat-Tuneżija ("*il porte des habits traditionnels de Tunisie*") li jrid jagħmel xi ħaġa mhux tas-soltu li timmarka l-fatt li qiegħed barra minn pajjiżu, f'kuntest stranġier, u b'ebda mod ma tirrifletti l-personalità normali tiegħu. It-tieni nett, mhuwiex ritratt li jaqbad lil Dun Karm kif verament hu, kif ħafna drabi nippretendu li jagħmel ritratt. Fuq kollox, mhuwiex ritratt li jlaqqa' lill-Malti mal-Għarbi-Musulman: huwa eżattament bil-maqlub, ritratt li jistabbilixxi n-natura mhux tas-soltu ta' din il-laqgħa u għalhekk jistabbilixxi l-konfini bejn il-figura Maltija u l-kultura Għarbija-Musulmana, mifhuma b'mod monolitiku skont it-tradizzjoni Orjentalista (ara Varisco 71-2 u bosta studji f'Marco Galea). Fil-ħarsa tagħna, ir-ritratt jisseparahom b'mod viżiv, għax *ilibbes* lill-Malti ta' Għarbi u b'hekk iġiegħlu jidher stramb; hu u "għal taparsi" jwaħħadhom, kważi bi ħlieqa, ir-ritratt qed ibegħedhom b'mod definittiv minn xulxin. Għal darba, Dun Karm "qed jagħmilha" ta' Għarbi, u l-eċċezzjoni, ir-ritratt tat-turista, jikkonferma r-regola opposta. F'dan ir-ritratt meħud għand F. Valenza, kunjom Taljan pjuttost mifrux fit-Tuneżija ta' dak iż-żmien (kif jixhed is-sit tunisie-genealogie.com), ta' 24, avenue de France, f'Tuneż, Dun Karm qed jistabbilixxi min hu u min mhux.



Dun Karm f'Tuneż fl-1901
Ħajr lit-Taqsima tal-Arkivji tal-Biblijoteka, l-Università ta' Malta

Ir-ritratt huwa stqarrija tal-valur kulturali tal-protagonista, forsi tas-superjorità kulturali tiegħu, għax il-bniedem Malti qed juri li kapaċi jżur l-art tal-Oħrajn, iħaddanha, u joħroġ minnha kulturalment iktar għani minn qabel, u fl-istess ħin superjuri, għax iħaddan lilha u iżjed minnha. F'ċertu sens, it-turiżmu tas-seklu 20, bħall-esplorazzjoni Ewroċentrika ta' artijiet Oħra minn individwi u gruppi fis-sekli ta' qabel, huwa "esplorazzjoni" li twassal għall-pussess, "*possession by exploration*" (Ashcroft, Grittihs, Tiffin 94). It-turisti jidħlu fit-territorju tal-Oħrajn biex isibu esperjenza eżotika. Għalkemm jippretendu li qed ifittxu l-ġdid, fil-verità qed ifittxu dak li diġà jafu: anki fl-imgħoddi, l-esperjenza tal-vjaġġaturi kienet immexxija mill-aspettattivi li ssawru matul sekli sħaħ ta' immaġinar superstizzjuż, u għalhekk it-turisti moderni jivvjaġġaw biex "jiskopru" dawk l-esperjenzi sterjotipiċi li diġà huma preżenti fl-"eżotiku" tal-immaġinarju tagħhom. L-eżotiku huwa l-mhux tas-soltu eċċitanti, saħħari, "*a stimulating or exciting difference, something with which the domestic could be (safely) spiced*" (94). Fejn ma jsibux is-sinjali tad-differenza immaġinata li jkunu qegħdin jippretendu li jsibu joħolquhom huma billi jikkreaw, ngħidu aħna, "villaġġi turistiċi" li jirriproduċu l-ingredjenti eżotiċi, bħas-siġar tal-palm u l-bajjiet ileqqu bir-ramel abjad. L-istess riproduzzjoni tidher fir-ritratti ppużati għalkollox stilizzati li jittieħdu "fil-post," inkella fuq "sett" iddisinjat apposta, bħalma hu l-każ tar-ritratt ta' Dun Karm meħud fi żmien meta aktarx ħafna mir-ritratti kienu jittieħdu fil-kmamar tal-fotografi. Ix-xena maħluqa apposta għar-ritratt jew l-attrazzjoni turistika ssir "*an imaginative construct that says more about the European fantasy than the actual location in which it finds its setting*" (Ashcroft, Griffiths, Tiffin 97-8); hija dikjarazzjoni ta' differenza, ta' distanza, ta' konfini ċari, li tistqarr x'inhi l-attitudni ta' min qed jikkummissjona r-ritratt quddiem ix-xbieha li jrid joħloq.

Il-kitbiet ta' Manwel Dimech u l-analiżi li jagħmel Michael Grech joffru stampa tal-kuntest storiku u kulturali Malti li fih Dun Karm żar Tuneż fi triqtu lejn Franza, il-kolonizzatriċi ewlenija tal-Afrika ta' Fuq tas-seklu 19 u 20. F'xi kitbiet tiegħu, Manwel Dimech jitbiegħed minn karatterizzazzjoni kunflittwali u apertament ġellidija tar-relazzjoni bejn il-Maltin u l-Għarab minħabba r-reliġjon, interpretazzjoni li tidher sew kemm f'"Il-Għanja tar-Rebħa" (1927) ta' Dun Karm kif ukoll ftit snin wara f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," u waqt li jammira xi karatteristiċi tal-

Għarab, f'kitba f'*Il Bandiera tal Maltin* tas-6 ta' Mejju 1899, sentejn qabel il-mawra ta' Dun Karm f'Tuneż, "jikkundanna lill-Maltin li kienu jġibu ruħhom ħażin ma' Għarab li kien hawn jaħdmu Malta." Minkejja li jfaħħar lil Franza, Dimech jirrikonoxxi li l-Ewropej mhux dejjem kienu qegħdin jittrattaw tajjeb lil dawn il-popli: "l-Għarab ta' xi pajjiżi Ewropej," jgħid, "imsejknin," "jaħdmu għall-Ewropej bħalma bagħal jaħdem għal sidu" (M. Grech 55-56). Iżda meta jikteb lill-Maltin ta' Tuneż, fejn mar għal ftit żmien meta ħareġ mill-ħabs wara li skonta l-piena għad-delitt li wettaq f'żgħożitu, Dimech jgħid lill-Maltin li għandhom xorti kbira li jinsabu "taħt il-bandiera Franċiża li kienet l-ewwel waħda ftit aktar minn 100 sena ilu li għallmet x'inhi l-libertà" (M. Grech 56). B'mod ġenerali, Dimech jara lill-Għarab bħala ġens inferjuri, u għalkemm huwa minnu li darba jirreferi għalihom bħala "dan il-poplu kbir," Grech jargumenta li jagħmel dan għax kien konvint li jekk il-Maltin jitgħallmu l-ilsien Għarbi jkunu jistgħu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum bl-akbar ħeffa (58). Għaldaqstant, anki moħħ imdawwal bħal ta' Dimech kien mgħarraq fil-preġudizzji kontra l-Għarab li aktarx, kif juru bosta studji, fosthom dawk miġburin minn Marco Galea, kienu (u għadhom) mifruxin f'Malta.

Kif jixhdu xogħlijiet bħal "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" u "Liema? Bejn is-sena 1940 u l-1943," il-poeżija ta' Dun Karm mhix interessata wisq f'dak li jseħħ lilhinn mill-kuxjenza immedjata tiegħu u miċ-ċrieki konċentriċi ta' dinja magħmula mill-omm, id-dar tat-tfulija, ir-raħal, u eventwalment Malta u l-Knisja Kattolika tagħha. Il-konfini tagħha, bħal dawk ta' gżira ċkejkna, huma riġidi u l-ispazju magħluq u limitat ħafna. Huma l-konfini tal-immaġinarju personali u kollettiv tiegħu, l-univers kollu tiegħu miġbur fl-"Univers Ieħor" (1930) ċkejken li jikkrea b'tant passjoni poetika u emottiva. F'dan is-sens, huwa kreatur b'viżjoni profondament konservattiva, jiġifieri ta' konservazzjoni ta' mgħoddi kollettiv fabbrikat u idealizzat, li kellu impatt straordinarju fuq kittieba oħrajn għax ippropona interpretazzjoni Romantika tal-kultura Maltija li tidher sempliċi u programm kulturali mhux polemikuż jew kunflittwali, la diviżiv u lanqas għalkollox reali.

Dun Karm kien, u sa ċertu punt għadu, figura li tgħaqqad lill-Maltin mhux biss għax, fuq talba ta' Robert Samut, kiteb l-innu nazzjonali, imma wkoll għax ma kienx figura li tifred, li tqanqal il-ħama soċjali, kulturali u

politiku, li tieħu pożizzjoni li tista' toħloq wisq kunflitt fl-ispazju kulturali u politiku dominanti fuq il-kwistjonijiet il-kbar. Dan ma jfissirx li ma kellux kurrenti kontrih jew saħansitra għedewwa maħlufin li ħaduha kontrih pubblikament: Ġużè Cardona (174-6), Oliver Friggieri (*Il-Bniedem fil-Poeta*, 75-81) u Ġużè Cassar Pullicino (38-43) jiddokumentaw din l-oppożizzjoni b'ċerta reqqa. Friggieri jistqarr li "fit-taqbida għall-ilsien Malti" Dun Karm "ma ħariġx jiġġieled fil-beraħ u jingħad li lanqas ma kien jinqala' wisq biex jaqbeż għall-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fil-miftuħ" (Friggieri, *Il-Bniedem fil-Poeta* 8). Irid jingħad li Dun Karm ma kellux il-forza kbira ta' partit politiku ewlieni qed jagħmel kampanja kontrih, jew istituzzjoni bħall-Knisja Kattolika tiddemonizzah u tiskomunikah, jew l-awtoritajiet imperjali Brittaniċi jfittxulu fi ħwejġu qisu kriminal jew deċiżi li jeżiljawh. Barra minn hekk, Dun Karm saħħar lil ħafna Maltin bil-ħila letterarja li, għal darb'oħra, għażlet li, fi ħdan l-għażla viżjonarja u kuraġġuża li jikteb bil-Malti, ma tkunx trażgressiva jew kunflittwali.

Waqt li Mario Azzopardi jikkritika dik li jaraha bħala n-newtralità konvenjenti u opportunista tiegħu, Friggieri u ħafna mid-diskors uffiċjali dwaru, bħad-dokumentarju li sar fl-2011 mid-Dipartiment tal-Informazzjoni tal-Gvern, jelogħja lil Dun Karm għax insista li ma jindaħalx fil-politika. Mario Azzopardi jgħid li minħabba "s-sentimenti provinċjali" u "d-dispożizzjoni bukolika" tiegħu bħala "letterat magħruf, saċerdot imlaħħaq li ried jinkoraġġixxi innu idealizzat bil-vernakular," Dun Karm ma setax jhedded jew ifixkel lill-Gvern Imperjali. "L-aspirazzjonijiet sentimentali, reliġjużi u lingwistiċi, imbegħdin mill-konfront politiku attiv, setgħu jitqiesu mill-Kuruna bħala ideali marġinali li ma kinux jikkontestaw" lill-poteri ta' żmienu; jekk xejn, dawn l-aspirazzjonijiet tiegħu "kkonformaw mal-istratum kolonjali bħala att ieħor ta' rassenjazzjoni gratifikata min-naħa tal-abitanti" (M. Azzopardi 11). Il-kontemporanju ta' Dun Karm, Manwel Dimech, għamel għażliet ħafna iżjed diffiċli biex iwettaq l-ideali tiegħu għal poplu ħieles u emanċipat u għalhekk ma kellux l-istess xorti. Waqt li l-"Innu Malti" ta' Dun Karm ma jqanqalx inkwiet bejn Malta u "min jaħkimha," "L-Innu tal-Maltin" ta' Dimech (1912) huwa kontra-innu mgħaddab u sarkastiku ta' riformatur li donnu qata' qalbu mill-emanċipazzjoni tal-poplu Malti (Ġ. Azzopardi 192-4). Mario Azzopardi jgħid li l-kolonjalisti Ingliżi ma setgħux jiksruha ma' Dun Karm għax "ma kienx qed jippressa għal xi programm ta' azzjoni u

żvilupp ekonomiku" għall-poplu; għall-kuntrarju, "Psaila kien jitbeżża' mill-implikazzjonijiet tal-progress. Il-poeżiji tiegħu tbiegħdu konxjament mir-realtà tal-urbanizzazzjoni u minn ambjenti politikament sensittivi bħat-tarzna jew il-port, arterji ewlenin tal-Brittanja f'Malta" (M. Azzopardi 11). L-għeluq, il-provinċjaliżmu u l-biża' mill-ġdid irrappreżentat mill-kultura urbana jew barranija jidhru f'għadd ta' poeżiji tiegħu, imma Dun Karm jittrażmettihom b'qawwa metaforika kbira f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," fost l-oħrajn billi jinqeda bil-kunċett tas-safa fiżika u morali.

**Malta Mhux Mimsusa**

Dun Karm jistabbilixxi u jikkonkretizza l-konfini tal-identità kulturali u morali tal-Maltin permezz tal-ġisem nazzjonali u jinsisti fuq il-purità tal-Maltin li qiegħda titniġġes; fuq il-verġinità (jew almenu l-kastità) identitarja tagħhom, irrappreżentata mill-warda tax-xbubija, li qed issir "bħal miżbla;" qed jagħdab u jitbaqbaq, u għalhekk mhux qed jagħmel sforz biex jostor ix-xbieha sesswali li qed jinqeda biha ta' Malta, it-tfajla jew mara nazzjonali, li qed tħalli "minn kull xorta ta' qżież" jidħol ġo fiha, bħalma l-irġiel moralment imniġġsin jippenetraw il-prostituta iktar imniġġsa minnhom.

Il-kelma "qżież" għandha konnotazzjonijiet verament koroh fil-Malti li huma riflessi, fost l-oħrajn, fil-ħoss ikrah tagħha: għax "qżież" tirreferi għall-agħar tip ta' ħmieġ (u attitudni jew imġiba), ħmieġ li jdardrek, iqallgħek. Id-*Diziunariu mill Malti ghall Inglis* ta' V. Busuttil tal-1900, rivedut minn Giovanni Magro fl-1932, jiġifieri fiż-żmien meta Dun Karm ħareġ il-poeżija tiegħu, jikkonferma din it-tifsira tal-kelma "kżież – *nastiness, dirt, dirtiness, filth, uncleanliness*; kżież (immoralità) *obscenity, filthiness.*" Dan l-użu semantiku ta' "qżież" jidher ukoll fil-ktieb tal-Kanonku Pawlu Galea tal-1912 kontra Manwel Dimech, *Il Kerk ta'd-Demoniu micxuf f'Malta*, li fih l-awtur jakkuża lil Dimech li bl-appell tiegħu lin-nisa biex iħabirku għall-istess drittijiet tal-irġiel, il-fini tiegħu kien li "jitfa' fil-qżież il-karatteru nobilissmu, u l-missjoni mqaddsa, li kull mara Nisranija għandu jkollha fis-soċjetà" (64). Dan huwa ironiku ħafna għax kien Dimech li tkellem u aġixxa favur ir-rispett u l-jeddijiet tan-nisa Maltin tant li l-pastorali tal-Isqof Pietru Pace tal-11 ta' Ottubru, 1911 ikkundannat lix-Xirka tal-Imdawlin u *Il Bandiera tal Maltin* għax permezz tagħhom Dimech kien qed jiżra' ideat soċjalisti bħal li n-nisa jkunu f'kollox bħall-irġiel u li għandhom l-istess drittijiet fis-soċjetà, ħaġa li



Mons. Pawlu Galea
Mill-ktieb tiegħu *X'Rajt u Xi Smajt,* 1926

hi kontra t-tagħlim tal-Iskrittura Mqaddsa u kontra l-Vanġelu u kontra kull bażi tal-ordni soċjali (Montebello 382-3; Dimech u Montebello 15). Il-konnotazzjonijiet sesswali u morali ta' "qżież" jidhru wkoll fid-definizzjoni li jagħti Erin Serracino Inglott fis-seba' volum ta' *Il-Miklem Malti* (1981): "Qagħda ta' kulma jġagħal lil min jitqażżeż; kull ħaġa ta' ħmieġ jew stmerrija u l-effett ta' tmeżmiż u dardir li jġib fuq il-bnedmin; ħwejjeġ li jqallgħu u li jwasslu lil min jaħrabhom sew materjalment u sew moralment." L-estensjoni semantika ta' din it-tifsira hija "mġiba ta' żena; immoralità; oxxenità." Din il-konnotazzjoni ma tidhirx, però, fil-*Maltese-English Dictionary* ta' Aquilina li ħareġ fl-1990, aktarx għax il-lessikografu deherlu li din it-tifsira ma baqgħetx ħajja fost il-kelliema Maltin.

Fil-kuntest tax-xogħol letterarju ta' Dun Karm, ir-riferiment għall-Kan. Pawlu Galea (1866-1952) u l-ideat tiegħu huwa sinifikattiv għax Dun Karm kien iqisu ta' ġewwa miegħu, "ħabib tiegħi mill-qodma" (Friggieri, *Dun Karm* 8). Kien dan il-qassis li, flimkien ma' Ġużè Muscat Azzopardi, ħabbar lil Dun Karm, fil-pjazza tal-Palazz, il-Belt, li huma kienu se joħorġu perjodiku bil-Malti, *Il-Ħabib*, u ħajru biex jikteb poeżija bil-Malti (minkejja li aktarx kienu ilhom iħajruh biex jikteb bil-Malti nies bħal Muscat Azzopardi sa mill-1899). Dun Karm laqa' l-istedina u l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti, miktuba fil-11 ta' Jannar 1912, "Quddiem Xbieha tal-Madonna," dehret fl-ewwel ħarġa ta' *Il-Ħabib* tal-1 ta' Frar 1912 (Friggieri, *Dun Karm* 8; Cassar Pullicino 9-11). Dun Karm jesprimi l-ammirazzjoni tiegħu lejn Mons. Pawlu Galea fil-21 kwartina tal-poeżija, "A Mons. Paolo Galea (Nel Suo Giubileo Sacerdotale)," ħamsa u għoxrin sena minn mindu ħa l-quddiesa, ippubblikata f'*Il-Ħabib* tal-20 ta' April 1915 (Dun Karm, *Le Poesie* 217) li fiha jsejjaħlu saċerdot għal dejjem u jassoċjah, fost l-oħrajn, mal-paċi u l-imħabba: "*Pace è il tuo verbo*" (v. 37) jgħidlu, "*Amor ti fece / e l'Amore non muor*" (v. 57-8); fl-aħħar żewġ strofi jħeġġu biex jaqsam ħobżu ma' dawk li huma bil-ġuħ u jgħid kelma ta' faraġ fejn l-aktar hemm in-niket. Fl-aħħar kliem tal-poeżija jgħidlu wkoll biex "*dove temeraria / grida la ciurma dei venali e astuta / nell' assonnato popolo s'insinua, / vibra l'anatema*," għax il-poeta huwa konvint li meta ċ-ċorma makakka ta' nies ta' fidi żgħira u ta' valur ċkejken tgħolli leħenha b'mod ardit biex tqanqal il-poplu bi ngħas bil-ħażen tagħha, il-Monsinjur Galea jqum biex jiġġieled kontra din l-għajta taċ-ċorma mħassra. Jidher li ż-żewġ saċerdoti kienu jafu sew l-istorja, il-karattru u x-xogħol ta' xulxin.

Dun Karm ippubblika l-ewwel poeżija bil-Malti fil-perjodiku ta' Muscat Azzopardi u l-Kan. Galea fl-istess perjodu li Galea ppubblika l-ktieb tiegħu, *Il Kerk ta'd-Demoniu micxuf f'Malta*, u l-kliem fi tmiem il-poeżija li ddedikalu jagħti x'jifhem li Dun Karm kellu għarfien tajjeb tal-karattru u l-ħidma militanti ta' Galea, ħidma li tixref sew, fost l-oħrajn, f'dan il-ktieb aħrax tiegħu ta' disgħin faċċata li fih jikkundanna lil Manwel Dimech. Dan il-ktieb, maħruġ "bis-sensja tal-Knisja" u mitmum fl-14 ta' Novembru 1911, ftit ġimgħat wara li l-Isqof skomunika lil Manwel Dimech fit-23 ta' Ottubru 1911, jagħtina ħjiel tal-fehmiet dwar in-nisa li sab madwaru Dun Karm u li ma setgħux ma influwenzawx ir-rappreżentazzjoni tan-nisa f'poeżiji tiegħu bħal "A Malta," "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" u "Liema? Bejn is-Sena 1940 u l-1943," minkejja li dawn inkitbu bejn għaxar snin u tletin sena wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb dwar il-qerq tad-dimonju. Skont Galea, "il-mara," kif turi l-ġrajja tal-Ġenesi, "hija fin-natura tagħha iżjed debboli milli huwa r-raġel," għax "hija temmen iżjed malajr il-kliem qarrieqi" tas-serpent li wegħedha ġid fil-ħin li ried jagħmillha d-deni. "Kien jaf fl-aħħar nett li l-mara għandha manjieri tajbin biex trattab bihom il-qawwija volontà minn tar-raġel. Għaldaqstant mhux għal ħaġ'oħra, il-giddieb, qarrieqi, il-ħajjen serpent ried l-ewwel ma jistraxxna lil Eva biex permezz tagħha mbagħad jistraxxna lil żewġha" (Galea 63). Ladarba jirrifletti l-fehma ta' Galea dwar in-nisa, il-verb vjolenti "straxxna" jistħoqqlu kumment għax ifisser li l-mara ġġiegħel bla ħniena lir-raġel jixkana għal warajha bla ma jrid; il-mara tagħmel malamira bit-tbaħrid lir-raġel, fis-sens li tħabbtu wisq u ġġibu kważi ma jiswiex aktar (ara "straxxna" u "malamira" f'Erin Serracino Inglott).

Hemm konverġenza mhux maħsuba bejn ir-rappreżentazzjoni tal-omm nazzjonali fid-diskors nazzjonalistiku u dawn l-ideat konservattivi ta' Galea dwar il-mara. "*Nationalist rhetoric*," tikteb Pam Morris, "*utilizes metaphors of 'Motherland' and 'Mothertongue' but these mythicize Woman, while women are marginalized from actual public life*" (190). Galea jinsisti li l-mara m'għandu jkollha ebda xogħol barra mid-dar u ebda rwol pubbliku għax inkella jbatu t-trabi tagħha (69); l-awtur jemmen li skont l-Iskrittura Mqaddsa, "l-officcji," id-dmirijiet li għandha l-mara fil-familja, "taħt setgħa tar-raġel" li jkun "jikkmandaha," jirrappreżentaw id-dmirijiet li għandha "fis-Soċjetà" (70, 71). Galea jgħid li l-Ktieb tal-

Proverbji fil-Bibbja juri "lill-mara liema huma l-obbligi u l-uffiċċji li hija għandha fil-familja mnejn imbagħad dawn joħorġu għall-ġid ta' kollha kemm hi s-soċjetà" (73), u għalhekk ir-rwol tagħha huwa essenzjalment fil-familja u fid-dar. Galea jikkwota lil Santu Wistin li jgħid li mhux in-natura tal-mara iżda l-ħtija oriġinali tagħha "ġiebet li jkollha b'padrun tagħha r-raġel," u meta dan l-ordni tas-setgħa tar-raġel fuq il-mara ma jiġix osservat, "in-natura titħassar iżjed, u iżjed tikber il-ħtija" (71). Minkejja li "t-tagħlim tal-Evanġelju jqiegħed lill-mara fid-dinjità ewlenija minn tagħha, jagħmilha anzi wisq aktar nobbli," il-ħaġa li fid-dar għandu jmexxi r-raġel u mhux il-mara "hija ġejja mill-istess natura, kemm imħabba l-forzi, li fil-mara huma wisq dgħajfa, u wisq qawwija fir-raġel; kemm ukoll, anzi iżjed, imħabba l-qawwa tal-intelliġenza; hekk jammettu l-bnedmin kollha, billi jafu li dejjem il-mara kienet sotta tar-raġel u qatt ir-raġel sotta tal-mara" (72). Mara trid tkun il-għaxqa ta' żewġha u għalih irid ikollha l-"virtù," il-"kastità," l-"imħabba," l-"għaqal," u t-"tħabrik" (73-74); trid tkun "fidila miegħu f'kollox u għal dejjem," trabbi u trawwem fi wliedha "kostumi" tajba, u tiżra' fihom iż-żerriegħa tar-reliġjon Kattolika (74). Galea jikkwota fit-tul minn ittra tal-Papa Piju IX tal-1867 li tgħid li fin-nisa l-mistħija "hija naturali" u għalhekk meta l-għedewwa tar-Reliġjon "iqegħduhom fil-pubbliku,"

> jistraxxnawhom 'il barra mill-ħajja u mid-doveri tad-dar. Il-mara li tkun edukata tajjeb fir-Reliġjon, fid-dar tkun tassew dawl l-iżjed pur u qawwi, u l-glorja ta' żewġha; fuqha tiġi mibnija l-familja, u ta' din hija tkun ir-rabta tal-paċi u l-ġibda lejn il-qdusija. Iżda l-mara mimlija bis-suppervja u bl-ardir ma tkunx trid taf iżjed bil-kura u bid-doveri tagħha: fid-dar hija tkun żerriegħa minn ta' nuqqas ta' ftehim, żerriegħa ta' ġlied, ta' skandlu lil kulħadd.

Galea jikkonkludi li r-renju tal-mara, bħal dak tal-mara bil-għaqal ta' Dun Karm f'"Kewkbet is-Safar," għandu t-tron tiegħu d-dar, "f'nofs il-familja tagħha" (76).

Skont Dun Karm, l-imġiba tan-nisa trid tkun ikkaratterizzata mill-"mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies" (v. 6), u l-mara timxi fit-triq mingħajr ksuħat, "*buona, raccolta nella tua faldetta*" ("A Malta") kodiċi li jaqbel miegħu G. Gauci li xandar it-taqbila "Sinjorina Chif Imbdilt!"

fl-ewwel faċċata tal-gazzetta pjuttost miftuħa *Il Ħmara* tat-30 ta' Mejju 1931 li fiha kienu jiktbu wkoll awturi mdawlin bħal Juan Mamo. Minkejja li Manwel Dimech xandar fehmiet ċari ħafna dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa Maltin fil-bidu tas-seklu għoxrin, din it-taqbila u kitbiet simili li kienu jidhru fil-gazzetti huma xhieda ta' kultura mifruxa fost il-Maltin iktar milli preġudizzji patrijarkali ta' individwi jew ta' ideoloġija partikulari. Bħal Dun Karm, Gauci jrid jiddetta x'għandha tkun l-imġiba tat-tfajla Maltija u jistqarr minnufih li jrid li t-tfajla Maltija terġa' tibda ġġib ruħha bħal fl-imgħoddi, "dejjem serja u umiljata" (v. 6), "b'għajnejk 'l isfel mixħutin" (v. 8), għax hekk "Kont tassew ittin' pjaċir" (v. 12). Iridha mgħottija minn fuq s'isfel, b'wiċċha biss mikxuf, u ma jridhiex tħares lejn l-irġiel jew tersaq lejhom. Bħal Dun Karm, Gauci jixli lit-tfajla li "M'għadhiex fik tinsab mistħija" (v. 50) għax issa rasha mimlija "bil-frugħa minn tad-dinja" (v. 51). It-ton patronizzanti u paternalistiku jilħaq il-qofol tiegħu meta fl-aħħar strofa jgħid lit-tfajla (li tirrappreżenta lit-tfajliet kollha), qisu għandu xi jedd fuqha sempliċiment għax huwa raġel, li m'għandhiex tħalli "Lil min bik iż-żmien jgħaddi" (v. 57) parir li jixbah ħafna lil dak li jagħti Dun Karm meta lill-mara nazzjonali jgħidilha li d-dinja, jiġifieri n-nies l-oħrajn, qed jidħqu biha. Dun Karm japplika dawn il-fehmiet popolari għad-diskors nazzjonali tiegħu, iżda l-kummenti tiegħu dwar l-imġiba tal-irġiel u speċjalment tan-nisa m'għandhomx biss skop metaforiku għax huma wkoll kontribut dirett għall-programm kulturali u morali li jfassal għal pajjiżu.

Il-Kanonku Pawlu Galea jitlob lill-"għeżież missirijietna," "intom li kkombattejtu taħt it-triġija tar-Reliġjon u tas-Saċerdoti bl-aktar kbira Fidi u bl-aktar mixgħula mħabba għall-Patrija tagħna" biex ħelsu lil Malta minn "għedewwa l-iżjed moqżieża u ħorox," biex iqumu mill-oqbra tagħhom u jaraw lil uliedhom tal-lum u fiex ġiebhom "dak ix-xellerat, qarrieqi serpent" ta' Manwel Dimech, "li mar iwegħedhom ibħra u muntanji bi kliem l-aktar qarrieqi" (86). F'appell retoriku mqanqal, Galea jistqarr li "din l-art hija issa pprofanata billi rnexxielu l-vili serpent jitkaxkar fiha u għalhekk issa hija mċappsa bil-qżiżijiet tiegħu": fil-lingwaġġ tiegħu mhux diffiċli tara x-xebh fil-mod kif jirrappreżenta l-imġiba tas-serp u n-nisa li hu ma jaqbilx magħha, bl-insistenza fuq il-"qżież" materjali u morali, it-tkaxkir, il-ħażen u l-qerq. L-imseħbin tax-Xirka


B'IS-SENSIA TA'L CNISJA.

IL
KERK
ta'd-DEMONIU
MICXUF
f'MALTA.

*Michtub m'is-Sacerdot P. P. Galea*

BIBLIOTHECA CONV SS. MAE ANNUNTIATAE

1912
Stamperija Giuseppe Cumbo
Malta.

Il-ktieb tal-Kan. Pawlu Galea tal-1912 li jikkritika bl-aħrax lil Dimech

tal-Imdawlin ta' Dimech, ulied l-eroj Maltin tal-imgħoddi, "qegħdin jimxu mal-moqżież serpent, lilu japplawdu tal-vendetta li minnhom irid jagħmel" (87).

Fil-ktieb klassiku tagħha, *Purity and Danger*, l-antropologa Mary Douglas tistabbilixxi li "*there is no such thing as absolute dirt*," għax il-ħmieġ fih innifsu ma jeżistix. Oġġett jew imġiba ssir ħmieġ fi ħdan sistema ta' klassifikazzjoni li fiha m'hemmx post għaliha (xvii). Douglas temmen li "l-ħmieġ huwa essenzjalment diżordni;" il-persuna li tkun qed tħares lejh tiddeċiedi hi jekk hix qed tara diżordni jew le, għax il-ħmieġ joffendi l-ordni. F'għajnejn il-persuna li tkun qed taġixxi, l-eliminazzjoni tal-ħmieġ mhix azzjoni negattiva imma "pass pożittiv biex torganizza l-ambjent" (2). Fl-idea tal-ħmieġ (qżież) u t-tniġġis li jipproponi Dun Karm, it-tneħħija tal-ħmieġ tfisser l-għoti mill-ġdid ta' ordni soċjali, kulturali u morali, dak li Douglas tfisser bħala "*making it conform to an idea*" (3), idea u ideal mhux universali imma stabbilit mill-persuna. Biex iħares l-ordni ideali tiegħu tas-soċjetà, Dun Karm javża lil dawk li jiksru dan l-ordni li l-imġiba tagħhom se jkollha konsegwenzi koroh fuq l-immaġni (l-umiljazzjoni, v. 4), il-moralità (il-mard tar-ruħ, v. 9) u l-psikoloġija tas-soċjetà (il-mewt tas-sliem, v. 14). Minn perspettiva antropoloġika, Douglas tispjega li

> *The ideal order of society is guarded by dangers which threaten transgressors. These danger-beliefs are as much threats which one man uses to coerce another as dangers which he himself fears to incur by his own lapses from righteousness. They are a strong language of mutual exhortation* (3).

Dun Karm jidher li qed juża dan il-mudell biex jistabbilixxi l-ordni soċjali, kulturali u morali li jemmen li huwa ideali għall-komunità Maltija. Il-poeżija tiegħu tagħti rwol determinanti lil valuri morali u regoli soċjali tipiċi tal-patrijarkat u li għandhom x'jaqsmu mal-interazzjoni bejn is-sessi fil-pubbliku u fil-privat, speċjalment l-imġiba tan-nisa; tagħti wkoll rwol determinanti lir-reliġjon Kattolika u valur kbir lill-memorja tal-eroj Maltin tal-istorja, bħall-Kan. Pawlu Galea, fit-tfassil ta' kodiċi kulturali u morali. Il-kumment ta' Douglas li hemm soċjetajiet li fihom, "*certain moral values are upheld and certain social rules defined by beliefs in*

*dangerous contagion*" (4) jixhet dawl fuq id-dinamika li tqanqal it-tema tal-purità f'Dun Karm, għax il-poeżija tiegħu tinqeda bil-perikli tal-mard u t-tniġġis biex tiddefinixxi l-konfini tal-moralità u l-imġiba fis-soċjetà, biex tistabbilixxi l-linja bejn il-mard u s-saħħa, bejn l-indafa u l-ħmieġ.

Mary Douglas tistqarr li "l-purità hija l-għadu tal-bidla, tal-ambigwità u l-kompromess," iżda tifhem li "*Most of us indeed would feel safer if our experience could be hard-set and fixed in form.*" Skont Douglas, fil-bnedmin kollha hemm xewqa għar-riġidità li tidher f'poeżiji bħal "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" u "Liema? Bejn is-Sena 1940 u l-1943," għax ixxenqa għal konfini fissi u għal kunċetti ċari hija parti min-natura umana (Douglas 200). Barra minn hekk, kif jixhed Dun Karm, "*The quest for purity is pursued by rejection*" (Douglas 199), għax il-purità, bħall-eżotiku, titlob li ma jkunx hemm kuntatt jew tniġġis minn elementi ġodda: kollox irid jieqaf f'mument storiku u stat partikulari. Jidher li l-poeżija ta' Dun Karm tirfed l-argument li d-diskors dwar il-purità jaħdem kontra l-bidla, l-ambigwità u l-kompromess għax in-narrattiva u l-viżjoni poetika tiegħu jinjoraw l-istorja ta' taħlit kulturali li permezz tiegħu Malta, il-lingwa tagħha u saħansitra r-reliġjon, li inevitabbilment waslet minn barra, kisbu l-karatteristiċi li jiċċelebra l-poeta.

Filwaqt li jirnexxilha tagħti interpretazzjoni sempliċi u koerenti tal-istorja u programm kulturali protezzjonista li jinftiehem, in-narrattiva poetika ta' Dun Karm ma tiflaħx għall-kumplessitajiet li ġġib magħha r-realtà ta' reġjun Mediterranju li minn dejjem kienet imsejsa fuq iċ-ċaqliq u t-taħlit, anki fi żmien Dun Karm meta kien hemm il-fenomenu importanti tal-emigrazzjoni, bit-tluq kontinwu ta' eluf ta' Maltin u Għawdxin lejn artijiet u kulturi oħrajn, bil-kuntatti li żammew ma' art twelidhom u familthom, bir-ritorn ta' għadd mhux żgħir minnhom lejn il-gżejjer Maltin, u bil-preżenza ta' għadd kbir ta' barranin, speċjalment fiż-żona urbana ta' madwar il-port. "*Whenever a strict pattern of purity is imposed on our lives,*" tikteb Douglas, "*it is either highly uncomfortable or it leads into contradiction if closely followed; and if not observed, hypocrisy*" (202). Kif jidher f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" u xogħlijiet oħrajn, l-interpretazzjoni tad-dinja li joffri Dun Karm, bl-oppożizzjoni binarja bejn is-safa u t-tniġġis, hija għalkollox personali u tinvolvi l-ħolqien ta' diskors poetiku li jikkrea storja mitizzata ta' ġens li minkejja l-idealizzaz-

zjoni Romantika sikwit sab ruħu fil-periferija tal-poter deċiżjonali – aktarx kienet din il-marġinalizzazzjoni li ġegħlitu joħloq il-miti tiegħu tal-passat. Il-kontradizzjonijiet bejn id-dinja fabbrikata ta' Dun Karm u l-istorja "oġġettiva' huma innegabbli, imma dak li qed joffri l-poeta mhuwiex analiżi empirika tal-istorja għax il-proġett tiegħu kien proġett kollu kemm hu narrattiv li kellu implikazzjonijiet importanti fuq kif il-Maltin ta' żmienu u ta' warajh interpretaw l-istorja ta' ġenshom.

It-tqegħid ta' Malta fiċ-ċentru tal-istorja mir-Romantiċi, bħallikieku bid-dinja kollha permanentement għajnejha fuqha, bħalma hi fir-raba' vers ta' din il-poeżija, huwa stqarrija poetika ta' individwalità u ċentralità ġdida li tisfida l-perifericità u ċ-ċokon endemiku tagħha. Is-safa morali u kulturali tal-Malta dunkarmjana primarjament rurali hija għodda konċettwali u retorika ideali għax hija stqarrija ta' individwalità li teħtieġ it-tbegħid mill-Oħrajn kollha, kemm Ewropej u Afrikani kif ukoll, saħansitra, Insara barranin, dawk li mhumiex safjin u kasti, u affermazzjoni ċara tal-konfini kulturali, biex tistabbilixxi ruħha u toħroġ minn ġol-anonimat tal-istorja.

Dun Karm jikkundanna lin-nies tal-ibliet, fejn kienu jmorru joqogħdu l-barranin, għax dawn huma mniġġsin mill-ħażen li ġej minn barra. L-ibliet ta' madwar il-port huma l-ispazju intermedjarju bejn id-dinja ta' barra u d-dinja ta' Malta, jiġifieri l-irħula rurali Maltin, u għalhekk huma bilfors maħmuġin, ivvelenati bis-"semm barrani" (v. 10). L-għażla tal-metafora tas-semm hija sinifikattiva għax waqt li ż-żgħażagħ tal-ibliet "jixorbuh u jiskru" (v. 11) u dan iwassal biex "is-semm joktor u jiġri" (v. 13) u jsir "pesta" li qed tinfirex fl-irħula wkoll (vv. 13-14), bħala likwidu huwa korp estranju, mhux parti mill-ġisem tal-Maltin, lanqas il-Maltin tal-ibliet. Skont Douglas, "*There is hardly any pollution which does not have some primary physiological reference*" (202) u f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" it-tniġġis imiss direttament il-ġisem li jispiċċa b'"kull xorta ta' qżież dieħel" ġo fih (v. 2) u għalhekk jitkażbar bid-dnubiet (v. 12). Iżda s-semm, bħall-inbid barrani li huwa fiżikament, kulturalment u moralment velenuż ta' "Lid-Dielja," huwa oġġett li l-Maltin jistgħu faċilment iwarrbuh. Ladarba huwa identifikabbli, huwa wkoll "eżiljabbli." U jekk ma jinxtorobx ma jistax isir "pesta," li magħha ġġib theddida ħafna iktar malizzjuża mil-likwidu tas-semm.

DESCRIPTION GENERALE
DE
L'AFRIQVE
SECONDE PARTIE DV MONDE.
AVEC TOVS SES EMPIRES,
ROYAVMES, ESTATS, ET
REPVBLIQVES.

Où sont deduicts & traictés par ordre leurs noms, assiette, confins, mœurs, richesses, forces, gouuernement, & Religion: Ensemble la Genealogie des Empereurs, Roys, & Princes souuerains lesquels y ont dominé iusques à nostre temps.

*Faict par PIERRE D'AVITY Seigneur de Montmartin, Gentilhomme ordinaire de la Chambre du Roy.*



A PARIS.
Chez CLAVDE SONNIVS, ruë sainct Iacques, à l'Escu de Basle, & au Compas d'or.

M. DC XXXVII.
*Auec Approbation & Priuilege du Roy.*

*"Fior del mondo"*

Il-metafora tal-warda li tidher darbtejn fl-ewwel sitt versi ta' "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" għandha konnotazzjonijiet politiċi u kulturali storiċi marbutin mal-fatt li l-filo-Taljani Maltin ta' żmien Dun Karm kienu jsejħu lil Malta "*fior del mondo,*" warda tad-dinja, frażi li l-poeta daħħal b'ironija meta ppubblika l-poeżija *f'Leħen il-Malti* fl-1934. Jista' jkun li l-ironija ta' Dun Karm ġejja wkoll mill-fatt li bil-kliem sabiħ tagħhom b'kollox dwar is-sbuħija ta' Malta, kienu huma li attakkawh minkejja li għamel minn kollox biex jistkenn mill-politika partiġjana, u dan jidher ċar fl-episodju tal-kritika kontrih ta' "Pi Di" fil-gazzetta *Malta* tad-29 ta' Settembru 1934 (Cardona 175), ftit ġimgħat qabel ma kiteb "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," li l-poeta wieġeb bil-poeżija, "Lill-Ħabib Tiegħi Pi... Di..." li kitibha fil-5 ta' Ottubru iżda ppubblikaha biss sena wara. Dun Karm jgħid li "*Malta fior del mondo*" huwa "qawl ta' qabel żmienna," fatt li jikkonfermah Albert Ganado, li jgħid li dan it-titlu bit-Taljan kien diġà ngħata lil Malta fis-seklu 17 (83). It-test li qed jirreferi għalih Ganado huwa *Description générale de l'Afrique* tal-1637 li fih Pierre d'Avity jgħid li "*Malta, fior del Mondo*" huwa proverbju komuni f'Malta u jfisser li Malta hija "l-fjura tad-dinja, kemm minħabba l-armamenti, il-fortizzi u l-munizzjon tagħha, kif ukoll minħabba n-nies li jiddefenduha" (540). George Percy Badger uża dan il-proverbju b'konnotazzjonijiet semantiċi inqas ġellidin biex jiftaħ id-*Description of Malta and Gozo* tiegħu tal-1838: "Fior del mondo *is the ardent language of the love of our country,*" jikteb Badger, "*and though Malta, which has received this superlative appellation from its devoted children, is but a rock, yet 'a rock is a rock' all the world through.*" Badger jikteb li s-sema ta' Malta, il-port "nobbli" u l-pożizzjoni ġeografika speċjali tagħha ħdejn artijiet oħrajn jagħmluha "*a rock singularly interesting, and of vast intrinsic importance*" ("*Preface*"). Badger jispjega din it-tifħira tal-Maltin lil arthom billi jinsisti fuq id-devozzjoni tagħhom lejha. Lil Malta Badger jidher li jqisha metaforikament bħala "blata," soda, importanti, u għalhekk hija "fjura tad-dinja."

F'dik li tidher li hi verżjoni bikrija ta' "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" li nkitbet tliet snin qabel, fil-25 ta' Ottubru 1931, iżda qatt ma ġiet ippubblikata minn Dun Karm, poeżija bl-isem ta' "Lil Malta," Dun Karm iqiegħed il-"Warda tad-dinja" bejn il-virgoletti biex jirreferi

direttament għal dan l-isem li fis-sena ta' qabel qanqal ir-rabja, għal raġunijiet parzjalment simili, ta' Ġużè Ellul Mercer fil-faċċata tal-gazzetta tal-Partit tal-Ħaddiema, *Il Cotra* ("Malta Ġenna tal-Art," 29 ta' Mejju 1930) li tagħha kien l-editur. Iż-żewġ kitbiet jibdew bir-riferiment għal Malta bħala warda jew "fjur tad-dinja" u jikkritikaw lill-Maltin li mhux qed jgħixu l-valuri li jippritkaw u t-tnejn jieħdu pożizzjoni kritika: l-artiklu ta' Ellul Mercer huwa mhux biss ironiku imma sarkastiku, waqt li Dun Karm jinqeda bil-kelma verament mhux tas-soltu għall-poeżija tiegħu "faħxija," li jidher li żiedha wara u li fonoloġikament u semantikament tixhed ir-rabja tiegħu.

Anki l-forma li jagħżel għal din il-poeżija apertament politika tiegħu tirrifletti l-pożizzjoni kritika tiegħu: il-poeżija nkitbet "Wara l-ġrajja ta' Pentekoste tal-1931" u tikkritika lil "dawk li żżomm bi ħbiebek," li "Tefgħu is-semm ġe' qalbek u ġe' ħsiebek," donnu qed jgħid għall-barranin l-aktar viċin tal-Maltin, it-Taljani, interpretazzjoni li Oliver Friggieri jaqbel magħha, anki għaliex kien żmien il-kwistjoni politiko-reliġjuża, tas-sospensjoni tal-Kostituzzjoni (1930-1932) (Ittra), u l-kwistjoni tal-lingwa. Għax id-"dispett," li hu tip ta' strambott, huwa magħmul minn kwartina bir-rima u żewġ distiċi, "*uno strambotto di sdegno, di corruccio, di sprezzo o d'offesa*" (Nigra XII) li juri nuqqas ta' qima u mħabba (Friggieri, *Dizzjunarju*, taħt "rispett"). Jista' jkun li kien minħabba l-akkuża lil "ħbiebek" li ma ppubblikax din il-poeżija, jew b'mod ġenerali għax din il-poeżija "hi aktar mgħaddba" minn "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada", "u għalhekk ħallieha manuskritt" (Friggieri, Ittra): li hu żgur hu li hemm xebh tematiku kbir bejn dawn iż-żewġ poeżiji, għax it-tnejn jindirizzaw lil Malta bħala mara u jirreferu għall-fama ta' Malta fost artijiet oħrajn; għad-"daħka" donnha sodisfatta u malizzjuża tal-barranin, li "tfaqqa'" bħal f'"Lid-Dielja;" għat-telfien tas-saħħa morali tal-Maltin; u għas-semm tal-barranin li qed jinfirex, bħala korp barrani, identifikabbli u stranġier, fost il-Maltin. F'dan id-dispett il-poeta jistieden b'mod ironiku lil Malta biex titbaxxa iżjed, għax diġà tbaxxiet moralment, biex tisma' lill-barranin jiddieħku biha. Din il-poeżija qasira nstabet ma' oħrajn f'manuskritt jismu *Pro Memoria – Ħsibijiet Żgħar* ippubblikat minn Oliver Friggieri fl-1980 wara li ħareġ *Il-Poeżiji Miġbura* ta' Dun Karm (*Il-Bniedem fil-Poeta* 114).

Ir-riferiment għall-"ġrajja ta' Pentekoste tal-1931" mhuwiex ċar, iżda naħseb li Dun Karm qed jitkellem fuq dak li l-gazzetti *Il Cotra* u *Malta Taghna* ta' Mejju 1931 jirreferu għalih bħala l-Ġuri ta' Pentekoste li sar fid-19 ta' Mejju. Sebgħa min-nies, fosthom id-delegat Laburista Karmenu Ciantar ("Karmenu Ciantar," *Il Cotra*, 28 ta' Mejju 1931), instabu ħatja li għamlu l-istorbju f'Għid il-Ħamsin tal-1930 malli l-Isqof beda jipprietka bit-Taljan. L-akkużati kienu ħarġu jgħajtu u jgergru mill-Katidral ta' San Ġwann, kif irrapportat *Il Cotra*, għax bit-Taljan ma jifhmux. Dan l-inċident ġara ftit wara li l-Isqof, permezz ta' ittra pastorali fl-1 ta' Mejju 1930, ikkundanna lil Strickland u lill-Partit tal-Ħaddiema li kien imsieħeb miegħu u qatagħha li kull min jivvota għalihom jagħmel dnub mejjet. Fil-pjazza tal-Katidral kien inqala' l-ġlied bejn il-ħaddiema li ħarġu bħala protesta mill-Katidral, ġemgħa ta' partitarji Nazzjonalisti li kienu qed jappoġġjaw lill-Isqof, u l-pulizija, li jidher li użat ukoll il-kavallerija. Skont *Il Cotra* ("Il-Ġuri tal-Pentekoste," 28 ta' Mejju 1931), ħafna nies bdew jgħajtu "Viva l-Ingilterra" u "Abbasso l-Italja" u jkantaw il-Bandiera Ħamra, "l-Innu demokratiku tal-Labour Party." Fil-ġuri tad-19 ta' Mejju 1931, sitta minn dawn l-attivisti, aktarx Laburisti u Stricklandjani, instabu ħatja u ħamsa minnhom weħlu l-ħabs, iżda fil-25 ta' Mejju ngħataw il-maħfra mill-Gvernatur wara li kkonsulta mal-Isqof. Jidher li fil-jum ta' qabel, l-Isqof għażel li ma jagħmilx il-prietka ta' Għid il-Ħamsin tal-1931 bit-Taljan kif kien għamel is-sena ta' qabel meta qam l-għagħa kollu ("Il-Maħfra tal-Isqof," *Il Cotra*, 28 ta' Mejju 1931). Iż-żewġ artikli fil-gazzetta filo-Taljana Nazzjonalista *Malta Taghna*, "Il-Ġuri tad-Distorbju ta' Nhar Għid il-Ħamsin 1930" (30 ta' Mejju 1931) u "Il-Verità tal-Fatti. Dwar il-Maħfra tal-Ikkundannati fuq id-Disturbi tal-Pentikoste" (6 ta' Ġunju 1931) ma jsemmux il-kwistjoni tal-lingwa li *Il Cotra* tagħtiha bħala l-kawża ewlenija tal-kwistjoni kollha. Jekk dawn huma l-ġrajjiet li ried jirreferi għalihom Dun Karm, ġrajjiet li qanqlu r-reazzjoni politika tiegħu minħabba l-mod kif it-taqtigħa dwar il-lingwa misset mar-reliġjon u l-politika partiġjana, tinftiehem id-deċiżjoni tiegħu li ma jippubblikax din il-poeżija partikulari. Jekk din l-interpretazzjoni politika tal-kuntest storiku u l-kontenut tematiku ta' din il-poeżija mhux ippubblikata "Lil Malta" hija korretta, ma tidhirx li hija daqshekk qrib ta' "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," minkejja x-xebh bejn l-ewwel vers taż-żewġ poeżiji.

Is-snin ta' bejn l-1930 u l-1934 kienu partikolarment imqallbin għal Malta, fosthom bil-ħruġ tal-pastorali tal-isqfijiet li kkundannat lil Gerald Strickland u l-kunflitt aħrax li qam bejn Strickland, il-Laburisti u l-Knisja Kattolika Maltija, bil-kanċellazzjoni tal-Elezzjoni Ġenerali u s-sospensjoni tal-Kostituzzjoni, u bit-tfittxijiet, ordnati minn Ministru Nazzjonalista u mill-Gvern kolonjali Ingliż, li saru fid-djar ta' attivisti xellugin fil-kuntest tal-Att dwar is-Sedizzjoni u s-sentenzi ibsin li rċevew uħud minnhom. Minkejja li Malta qajla setgħet tissejjaħ "warda tad-dinja" f'dawn is-snin, fl-1932 l-għalliem tat-Taljan fis-sekondarja Arnaldo Fabriani, li kien jiffirma bħala Aldo Farini, ħareġ sensiela ta' sitt kotba tal-qari bit-Taljan bl-isem ta' *Fior del mondo: libro di letture italiane per le scuole di Malta*. Fl-1930 Nerik Mizzi tal-Partit Nazzjonalista fetaħ skola Taljana, il-kulleġġ Umberto Primo fil-Belt, għall-istudenti tas-sekondarja u mbagħad daħħal dawn il-kotba ta' Farini fl-iskejjel tal-istat, deċiżjonijiet li qanqlu r-rabja tal-awtoritajiet Ingliżi u s-sostenituri tagħhom f'Malta (Kasvikis, Vella u Doughty). Dan juri li l-"qawl" "*fior del mondo*" f'Malta tas-snin tletin li jironizza fuqu Dun Karm kien intrabat mal-bagalja politika u kulturali tqila li fiha kien hemm mhux biss l-imħabba lejn il-kultura Taljana u ċerta affinità magħha iżda anki assoċjazzjoni inevitabbli mal-ambizzjonijiet espansjonistiċi u "imperjalisti" tal-Italja tal-*ventennio* Faxxista.

Il-fehmiet kulturali marbutin sfiq ma' dawn l-ambizzjonijiet imperjali ta' Mussolini u n-nies ta' madwaru dehru, fost l-oħrajn, f'rivista akkademika "għolja" bl-isem ta' *Archivio Storico di Malta* u ppubblikata Ruma mir-"Regia deputazione per la storia di Malta" f'Via del Tritone 65. Din kellha l-iskop, fost l-oħrajn, li turi r-relazzjonijiet li kellha l-gżira ta' Malta "ma' reġjuni Taljani oħrajn" (Ercole 6). Għall-editur, li jikkwota wkoll lil Nerik Mizzi fil-kitba tiegħu, l-istorja ta' Malta kienet ħaġa waħda mal-istorja tal-Mediterran u f'għadd ta' aspetti, ħaġa waħda mal-istorja tal-Italja, b'tali mod li "*non si possa pensare ad una storia di Malta che non sia nel tempo stesso storia d'Italia*" (Ercole 5). L-artiklu tiegħu "Per la Storia di Malta" huwa kollu eżerċizzju biex juri li Malta kienet effettivament Taljana. L-istess ipprova jagħmel l-artiklu ta' Luigi M. Ugolini li qal li "Malta, "*la 'perla del Mediterraneo*,'" kienet in-nieqa taċ-ċiviltà Mediterranja li kibret sew u nfirxet permezz ta' Ruma u laħqet id-dinja kollha," u għalhekk Malta kienet parti miċ-ċiviltà Mediterranja/Rumana, jiġifieri parti mill-Italja ("La Preistoria" 32; ara wkoll Pessina u Vella, "Ugolini, Un Archeologo Italiano" 50, 51).

Ugolini insista li ċ-ċiviltà Neolitika Maltija kienet xhieda tal-ġens jew tar-razza ("*stirpe*") Mediterranja, bil-katina etnika, kulturali u kronoloġika tagħha, u fejn jidħol dan il-perjodu tal-oriġni, fejn tidħol ir-razza u l-kultura, Malta "*libera decisamente il Mediterraneo dall'Oriente*" (*Origini* 277). Ugolini, li kien membru tal-Partit Faxxista Taljan u promotur tal-fehmiet tiegħu li rċieva finanzjament dirett mingħand il-Partit Faxxista fl-1931 minħabba l-interess personali ta' Mussolini (Museo Nazionale), ried jikkonferma t-teorija tal-antropologu Taljan Sergi li l-għajn tal-kultura u ċ-ċiviltà Mediterranja kienet Malta (fil-Punent), mhux Kreta (fil-Lvant) (Pessina u Vella, "Ugolini, Un Archeologo Italiano" 19). Il-Faxxiżmu kien iqis lil Malta bħala "*terra irridenta,*" minħabba l-ħakma fuqha meqjusa bħala illegali tal-Imperu Brittaniku u minħabba x-xewqa ta' Malta li terġa' tingħaqad mal-Italja wara li l-Ingliżi ħatfuha minn idejn is-Saltna ta' Napli fl-1800 (Pessina u Vella, "Ugolini, Arkeologu Taljan" u "Ugolini, Un Archeologo Italiano" 25).

Il-post privileġġjat li studjużi bħal Francesco Ercole u Ugolini jagħtu lill-gżejjer Maltin fil-qalba taċ-"ċiviltà Mediterranja" jikkonferma l-appartenza tagħhom għall-istorja u l-kultura tal-Italja għax għalihom din iċ-ċiviltà hija marbuta b'mod speċjali mal-"*mare nostrum*" tal-Imperu Ruman u għalhekk mal-peniżola Taljana. Fix-xogħol klassiku tiegħu, *Malta, origini della civiltà mediterranea* tal-1934, is-sena li fiha ħarġet il-poeżija ta' Dun Karm, Ugolini insista fuq id-dimensjoni Mediterranja, reġjonali, taċ-ċiviltà Neolitika Maltija, li hawn ukoll qiesha bħala "n-nieqa taċ-ċiviltà Mediterranja" biex jorbotha mal-Italja u jwarrab id-diskors dwar kultura nazzjonali Maltija. F'dan il-kuntest, fl-aħħar tal-ktieb, Ugolini ddikjara li l-ġeoloġija, il-paleontoloġija, l-antropoloġija u l-arkeoloġija juru li Malta kellha rabta partikulari mal-Italja.

It-tir veru ta' Ugolini kien li permezz taċ-ċentralità ta' Malta u r-rabta kbira tagħha mal-Italja, l-iktar art viċin tagħha, jikkonferma ċ-ċentralità tal-Italja. "*La nostra Penisola, vicina più che ogni altra terra alla culla della civiltà mediterranea, si afferma di nuovo naturale ponte di passaggio che, fin dalle remote età, e genti e civiltà risalivano per beneficiare l'Europa centrale e settentrionale*" (*Origini* 278). Għaldaqstant, ir-rabta ma' Malta, "*fior del mondo,*" il-"*perla del Mediterraneo*" ta' Ugolini (*Origini* XV) hija fil-fatt konferma taċ-ċentralità akbar tal-Italja. "'*I corsi*


FIOR DEL MONDO
LIBRO DI LETTURE
ITALIANE
PER LE SCUOLE
DI MALTA
LIBRO PRIMO
SOCIETÀ EDITRICE INTERNAZIONALE • DITTA GIOV. MUSCAT
TORINO · MILANO · GENOVA · PARMA · ROMA · CATANIA · · · · VALLETTA · · MALTA

*e i ricorsi' della storia susseguono sempre,*" jikteb Ugolini, "*quando esistono ragioni geografiche etniche e storiche,*" u dawn jikkonfermaw, minkejja li dan huwa t-tmiem ta' ktieb dwar Malta, il-prominenza tal-Italja. Fil-kelmtejn qabel tiegħu, l-awtur iħabbar din il-missjoni meta jistqarr li kienet l-imħabba kbira għall-istudju tal-fdalijiet primittivi tal-Patrija tiegħu ("*primitive vestigia della mia Patria*"), li huma marbutin sew ma' dawk ta' Malta, "*Perla del Mediterraneo,*" li għenitu biex jidħol għall-għadma iebsa ta' din ir-riċerka estensiva (*Origini* XV).

Nerik Mizzi ma kellux dubji: Il-poplu Malti huwa poplu konxju u ħieles li jaf li hu, u jrid jibqa', Latin u Mediterranju, "u dan għalina jfisser li aħna Taljani" (Hull 135). F'Settembru tal-1929, il-gazzetta *Malta* ta' Nerik Mizzi, organu tal-Partit Nazzjonalista, stqarret bla tlaqliq li l-Maltin huma Taljani u l-lingwa nazzjonali tagħhom hija t-Taljana. "Il-lingwa Maltija hija l-lingwa speċjali tal-pajjiż u għalhekk hija djalett." Il-lingwa nazzjonali (it-Taljan) għandha tokkupa l-ewwel u l-ogħla post, filwaqt li d-djalett (il-Malti) jiġi wara (ara P. Boffa, "Il-*Malta*, in-Nazzjonalisti u l-Ilsien Malti," *Il Cotra*, 21 ta' Mejju 1931). Dawn il-fehmiet Nerik Mizzi kkonfermahom meta xehed quddiem Kummissjoni Rjali u stqarr ukoll li l-Maltin huma Sqallin ("Aħna Sqallin," *Il Cotra*, 21 ta' Mejju 1931).

**Identità Verġni**

Fejn tidħol il-metafora estiża tal-warda, il-ġenju ta' Dun Karm jidher, fost l-oħrajn, fil-ħila tiegħu li jħaddem din ix-xbieha f'għadd ta' dimensjonijiet mingħajr ma jikkrea inkoerenza bejniethom jew jeskludi dimensjoni biex jiffavorixxi oħra: il-warda hija l-fjura simbolu tal-ħlewwa u simbolu tas-sbuħija tal-mara, tas-sbuħija fraġli, li teħtieġ protezzjoni; hija metafora tal-verġinità u l-kastità; hija wkoll assoċjata, però, ma' diskors politiku partiġjan ta' żmien Dun Karm li ried li Malta tkompli tivvalorizza, tagħti prominenza u ssaħħaħ ir-rabtiet storiċi u kulturali tagħha mal-Italja; u l-warda tirrappreżenta wkoll l-idea Romantika tal-kobor fiċ-ċokon, ta' ġens u art ċkejkna b'valur fid-dinja li jisboq bil-wisq id-daqs tagħha, jew kif jgħid f'"A Malta," "*picciol terra dalla grande storia*" (v. 3).

Ir-rabta semantika tal-"warda" max-"xbubija," żewġ kelmiet ta' nisel Għarbi kif kien iħobbhom Dun Karm u li aktarx jieħdu post "fjura" u "verġinità" (jew "kastità") fir-reġistru poetiku tiegħu, hija xhieda tas-

sbuħija u s-safa kulturali u morali ta' Malta. Madankollu, mill-kelma "warda" kif jużaha Dun Karm ma tistax teskludi t-tifsira iktar dejqa tal-fjura ħamra meqjusa bħala r-"reġina tal-fjuri" (Frear): fil-fatt, fit-traduzzjoni tiegħu ta' din il-poeżija, A. J. Arberry isarraf "warda" f'"*rose*" (u "miżbla" f'"*dunghill*," definizzjoni li jagħtiha wkoll Dun Karm fid-dizzjunarju tiegħu taħt "*dunghill*"), u l-istess jagħmel bit-titlu ta' poeżija oħra ta' Dun Karm, "Ward" ("*Roses*," 79). Il-kelma "xbubija" donnu jiddefiniha l-poeta stess meta fi "Bjuda" (imxandra f'Marzu tal-1930) jiddeskrivi lill-Madonna bħala "Tfajla Lhudija / Li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha": il-kelma "xebba" ma tistax tfisser tfajla hawnhekk, għax Dun Karm juża ż-żewġ kelmiet. Il-kontribut semantiku tax-"xebba" huwa dak tal-verġinità u fil-vers "verġni" tista' tidħol faċilment flok "xebba," għax l-argument tal-poeta hu li minkejja li din it-tfajla speċjali kellha iben, baqgħet verġni: "*The dogma of the virginity of Mary (which, let us remember, was only adopted very late by the Church) was that she remained a virgin* before, during and after *the conception, to take up the literal formula definitively consecrated by the Church*" (André 7).

Bis-saħħa tal-evidenza mill-poeżija ta' Dun Karm dwar "xbubija," li fid-dizzjunarju tiegħu Aquilina jiddefiniha bħala "*maidenhood, virginity. Adolescence*," jidher li f'Dun Karm tirreferi speċifikament għall-verġinità jew il-kastità ta' Malta-mara. Il-kastità mhix identika għall-verġinità, għax kif jgħid iz-Zingarelli fil-każ tat-Taljan, il-persuna kasta hija "pura" u "sobrija" jew moderata, speċjalment f'sens sesswali; għaldaqstant, tista' tkun ukoll persuna li tastjeni mis-sess, imma mhux bilfors. Bl-Ingliż, "*chaste*" għandha tifsiriet simili, għax tfisser kemm "*Abstaining from unlawful sexual intercourse*" u "*Pure and simple in design or style*" kif ukoll "*Morally pure (especially not having experienced sexual intercourse)*" (*Word Web*). Għaldaqstant, lanqas "*chastity*" ma teskludi l-att sesswali leċitu u dan jispjega kif il-Malta-mara jew omm ta' Dun Karm tista' tkun kasta: fid-*Dizzjunarju* tiegħu, Dun Karm donnu jikkonferma din l-interpretazzjoni meta jittraduċi "*chaste*" bħala "kast, nadif; safi (fis-sens morali)." Madankollu, il-poeżija inġenerali tiegħu tindika li x-"xbubija" għandha t-tifsira iktar dejqa ta' verġinità, u f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" jista' jkun li tirreferi biss għall-verġinità tat-tfajliet għax tidher eżattament wara li l-poeta jsemmi "l-mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies" tan-nisa (v. 5), donnha interpretazzjoni partikulari ta' "kastità."

Fl-1930 Gregory kitbet li fir-reliġjonijiet antiki, l-epitetu "verġni" ("*kore*" u "*kouros*") jirreferi għall-ġuvintur u t-tfajliet "*at the moment of flowering*;" f'dan is-sens, il-verġinità femminili mhix marbuta mal-kuntest tal-ġisem mhux mimsus jew li m'għandux jintmess u tapplika għal firxa sħiħa ta' figuri, minn Persefone, Atena, Àrtemis sa Demeter u Afrodite (138). Irid jingħad ukoll, però, li bl-analiżi tiegħu tal-istorja tal-istqarrija tal-Knisja Kattolika dwar il-verġinità mirakoluża tal-Madonna, Serge André juri li l-verġinità tal-mara hija entità kulturali: il-valur tal-verġinità, is-sinifikat tagħha, is-sinjal li tagħti, anki s-sustanza tagħha, jissawru mill-ideali taċ-ċiviltà u mill-qawwiet dominanti tagħha (7).

Ix-xbieha tal-fjura jew tal-warda bħala metafora tal-verġinità għandha għeruq fondi kemm fil-lingwa u l-letteratura kif ukoll fil-kultura u t-tradizzjoni Nisranija li xorob minnha konxjament jew inkonxjament Dun Karm. L-identifikazzjoni tal-fjura mal-verġinità tidher f'ilsna differenti, bħal f'"*to deflower*," "*defloration*" u "*déflorer*." Greenstone tgħid li fil-Medjuevu, il-warda ħamra kienet ir-reġina tal-fjuri, simbolu tal-Verġni Mqaddsa, u kienet tirrappreżenta s-sentiment ta' mħabba, ir-reliġjon u l-fejqan. Il-warda l-ħamra tissimbolizza l-Madonna u kien jingħad li fil-Ġenna, il-ward abjad kien jiħmar meta tbusu. Fil-bidu tal-Medjuevu, però, il-ward kien assoċjat mal-eċċessi ta' Ruma pagana. Ir-Rumani kienu jilbsu l-girlandi bil-ward waqt il-festi biex iberrdulhom moħħhom u jħarsuhom mill-kxif tas-sigrieti minħabba s-sokor. F'dan is-sens, il-warda (fis-sens dejjaq) kienet simbolu tad-diskrezzjoni. Eventwalment, minħabba l-lewn tagħha, il-warda l-ħamra bdiet tirrappreżenta wkoll il-martirju, u jingħad li meta San Franġisk t'Assisi rċieva l-istigmata, xħin demmu kien jaqa' mal-art kien isir ward. Fil-Medjuevu kienu jemmnu li l-ward isaffi u l-petali tiegħu kienu jitferrxu mal-art u jintużaw biex jiffriskaw il-ħwejjeġ.

Il-warda kienu jqisuha bħala mediċina għal ħafna mard u l-monasteri, li kienu l-isptarijiet tal-Medjuevu, kienu ċ-ċentri ewlenin għall-kultivazzjoni tal-ward. Greenstone tgħid ukoll li l-warda mingħajr xewk kienet is-simbolu tal-Verġni Mqaddsa, li kienet tissejjaħ, fost l-oħrajn, "*the Mystical Rose*" (Frear), "il-Warda Mistika" li jsemmi wkoll fi prietka tiegħu l-Isqof Mario Grech. Sa mill-ewwel sentenza tal-enċiklika tiegħu tal-1954 dwar il-verġinità kkonsagrata, *Sacra Virginitas*, Papa Piju XII

jorbot flimkien il-verġinità u l-kastità, u iktar tard jikkwota lil San Ċiprijanu li fis-seklu 3 kiteb dwar il-verġinità bħala fjura li tinbet mill-Knisja u żżejjen il-grazzja spiritwali (Pio XII). Min-naħa l-oħra, fil-ktieb *Il-Bankett tal-Għaxar Verġni* (jew il-festa tat-tieġ) dwar il-kastità u l-verġinità (*Convivium decem virginum* sive *De Castimonia*), wieħed mill-Missirijiet tal-Knisja mis-seklu 3 u 4, San Metodju ta' Olimpu jistqarr li l-kastità u l-verġinità mhumiex l-unika virtù, imma jemmen li huma l-aqwa fost il-virtujiet kollha, "*the ever-blooming and unfading flower of virginity*" (Methodius, II, vii). Fl-ewwel sentenza tal-ktieb, Marċella tgħid li l-verġinità hija l-fjura tal-immortalità (Methodius, I, i). Fernando María Cornet jargumenta li fid-djalogu ta' San Metodju, il-verġinità u l-kastità jridu jitqiesu flimkien, għax fit-tradizzjoni ta' dan it-test miktub bl-idejn tissemma kemm waħda u kemm l-oħra u minkejja li huma kunċetti differenti, f'Metodju huma "*intimamente connessi,*" tant li fil-ktieb tiegħu Cornet juża l-formola "*verginità-castità*" (103-4). Il-poeżija ta' Dun Karm tipparteċipa f'din it-tradizzjoni kulturali u ikonografika antika Kristjana ispirata kemm mill-Bibbja, fost l-oħrajn minn San Pawl u l-parabbola tal-għaxar xebbiet f'Kap 25 tal-Vanġelu ta' San Mattew, kif ukoll mill-kitbiet tas-Santi Padri.

L-ispazju minnu nnifsu ċirkoskritt u magħluq tax-xbubija jinsab fil-qalba nett tal-ħolqien tal-immaġinarju tal-identità kulturali permezz tal-poeżija ta' Dun Karm. Fl-1918, Sigmund Freud ippubblika studju dwar it-tabù tal-verġinità li fih kiteb li ż-żwieġ jippresupponi reżistenza għas-sesswalità, speċjalment fil-mara, għax ma jistax ikollha relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħrajn; fl-1930 Freud kompla l-argument fi ktieb dwar iċ-ċiviltà u n-nuqqas ta' kuntentizza tagħha meta kiteb li ċ-ċiviltà (avvanzata) timxi id f'id mal-iskumdità, mat-trażżin u ċ-ċaħda ("*unease,*" "*renunciation,*" "*repression,*" André 4). Kif jidher f'Dun Karm u l-letteratura Romantika Maltija kollha kemm hi, il-verġinità tirrappreżenta spazju pprojbit, għax tingħata valur kbir, sagru kważi, u trid titħares mill-għedewwa tagħha, bħal Malta; imma Freud jemmen li dan it-tabù tas-sesswalità ġej mill-fatt li l-mara nfisha hija meqjusa essenzjalment bħala tabù. U naturalment mill-perspettiva dominanti tar-raġel, jeżisti t-tabù għax jeżisti periklu, li fil-każ tal-mara, skont Freud, ġej mill-perċezzjoni li l-mara hija ostili għax hija differenti mir-raġel, dejjem misterjuża u stramba u qatt ma tista' tifhimha (André 5). Hawnhekk, il-femminilità titqies bħala alterità radikali, differenti għalkollox mill-maskilità: id-dinja poetika ta' Dun

Karm tinqeda b'din l-idea radikali tal-alterità bejn ir-raġel u l-mara biex tistabbilixxi u tikkonferma l-identità tal-Malta ideali tal-immaġinarju tiegħu, bil-firda netta bejn il-Malta-mara u l-barrani-raġel li jrid jinfidha, iniġġisha għal dejjem. Iċ-ċiviltà antika ta' Malta jeħtieġ trażżan għalkollox il-ġibdiet primittivi tagħha biex tħares l-identità kulturali għanja tagħha li ġejja mill-bogħod tal-istorja.

Fil-poeżija ta' Dun Karm hemm rabta ċara bejn is-sejħa għas-safa sesswali ta' Malta u l-fedeltà lejn Alla u "l-Emmna mqaddsa" ("Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," v. 18), għax il-purità kulturali u identitarja tal-ġens Malti hija kkaratterizzata mit-twemmin f'Alla li sawwarha u li ħares lill-Maltin fil-waqtiet imwiegħra tal-istorja tagħhom. F'kitba tal-1930, Yates tara l-valorizzazzjoni kbira tal-verġinità matul l-istorja tal-bnedmin u f'kull stadju tal-kultura (1), u ssostni li waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliha mill-perspettiva tan-nisa, forsi l-iktar raġuni importanti, hija li l-mara tixtieq terfa' l-verġinità tagħha għal Alla, li fil-biċċa l-kbira huwa sostitut tal-missier (4). F'dan id-dawl, it-telfien tax-xbubija ta' Malta-mara jirrappreżenta t-telfien tal-Emmna mqaddsa nfisha, kif jistqarr Dun Karm, u l-abbandun kemm tal-Missier kif ukoll tal-"missirijiet" (v. 33) li ddefendew lil Malta u lill-fidi Kattolika mill-Misilmin fl-Assedju l-Kbir u sawru, fl-istorja tal-ġens li kkostruwixxa Dun Karm, l-identità tiegħu; fil-"Monument" li jissemma darbtejn fil-poeżija (vv. 30 u 32) Prosper Grech jara allużjoni għall-monument ta' Kristu Re imma wkoll rappreżentazzjoni metaforika tal-apprezzament u r-rispett lejn l-eroj Maltin (38).

Bħar-Romantiċi Taljani, Dun Karm jinsisti fuq il-lingwa, ir-reliġjon, id-demm, it-tradizzjonijiet, is-sentimenti u l-aspirazzjonijiet komuni tal-poplu: dawn huma l-elementi li jsawru n-nazzjon, għax nazzjon huwa "realtà spiritwali," li l-istat huwa "l-projezzjoni esterna" tiegħu, "il-ġisem" (Puppo 55) li f'Dun Karm jieħu s-sura konkreta tal-ġisem tal-mara: dan jiġri mhux biss għaliex jippartecipa fi tradizzjoni Romantika kbira li tagħti xejriet femminili lill-patrija iżda anki għaliex fid-dar tradizzjonali idealizzata ta' tfulitu, dar raħlija, Nisranija, bieżla, miġbura, u maħkuma mill-figura materna hemm is-sies tal-proposta tiegħu għal Malta. Għal Dun Karm, it-tkażbir tal-ġisem spiritwali tan-nazzjon Malti, il-profanazzjoni tiegħu, hija vjolazzjoni tal-memorja ta' ommu li tinkorpora l-karatteristiċi ewlenin tan-nazzjon Malti kif jimmaġinah Dun Karm.

**Konklużjoni: Il-Kompliċità tal-Metafora**

Aktar minn poeżiji oħrajn ta' Dun Karm, "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" hija maħkuma mill-mument tal-metafora, mill-ħeffa trażgressiva ta' trasformazzjonijiet skomdi, ta' mara għaqlija li ssir mara tad-dinja, ta' erwieħ f'saħħithom li jimirdu bil-ħażen, ta' rħula li tidħol fihom il-pesta u ġgorrhom magħha, tas-sħana tal-fidi li tiksaħ donnha f'salt, ta' tradimenti. Hemm id-diżordni f'din il-poeżija ta' Dun Karm, l-abbandun, għal waqt sinifikattiv, tal-kelma meqjusa, u l-ħakma minflokha tal-għadab. Kollox iseħħ f'salt, bħalma jiġri dejjem bil-metafora. Mhix metafora għalkollox ġdida, imma l-kuntest li fiha jqegħedha Dun Karm jagħtiha emozzjonijiet u dinamiċità mhux mistennija f'poeta li dejjem jeżerċita kontroll fuq il-materja prima tiegħu. Iżda dan in-nuqqas ta' kontroll huwa apparenti, għax is-saffika tal-poeżija tliġġem l-għadab, tiċċirkonda l-miżbla, tikkontrolla t-tniġġis.

Minkejja l-emozzjoni qawwija ta' rabja, tinħass l-id li qed tidderieġi l-metafori; timponi, jew almenu tipproponi sistema; tistabbilixxi konfini; tifred l-imgħoddi mill-preżent, it-tajjeb mill-ħażin. Mary Douglas temmen li l-ideat dwar is-separazzjoni, il-purifikazzjoni, id-demarkazzjoni u l-ikkastigar tat-trażgressjonijiet għandhom il-funzjoni ewlenija li jimponu sistema fuq esperjenza li minnha nfisha mhix pulita. "*It is only by exaggerating the difference between within and without, about and below, male and female, with and against, that a semblance of order is created*" (Douglas 5). Għax biex jistabbilixxi l-ordni mill-ġdid fil-Malta mqallba li qed tisturmentah, Dun Karm jara l-estremi u b'hekk jirnexxilu jidentifika s-safi mill-imniġġes, is-sobriju mix-xurban, il-warda mill-miżbla.

Dun Karm jistabbilixxi l-ordni wkoll billi jirrikorri għall-forma metrika klassika tas-saffika li tħaddmet minn poeti Taljani fl-Ottocento, l-aktar minn Giosuè Carducci u Giovanni Pascoli: għalih isservi bħala punt ta' riferiment għax toffri l-appoġġ ta' tradizzjoni kulturali li għal Dun Karm għandha wkoll dimensjoni u siwi morali. Prosper Grech jgħid li s-saffika, bl-alternanza bejn tliet endekasillabi u vers kwinarju (jew settenarju), "*lends itself to containing an apophthegm that suddenly relaxes in the following line and creates a rhythm of terseness and relaxation throughout the poem*" (47). Grech jikkummenta li t-tħaddim tas-saffika f'"Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," waħda mill-aqwa poeżiji ta' Dun Karm, jirnexxi ħafna.

Bħala poeta midħla tal-fehmiet u l-esperimenti teknići ta' Carducci, Dun Karm ħaddem din il-forma poetika f'bosta poeżiji li missew għażla wiesgħa ta' temi u b'hekk daħħalha fil-poeżija Maltija u flimkien ma' poeti oħrajn stabbiliha bħala parti mit-tradizzjoni poetika tar-Romantiċi (Friggieri, *Dizzjunarju*, taħt "strofa Saffika"). Fil-każ ta' "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," it-tradizzjoni, f'dan il-każ tas-saffika, trażżan il-mard morali bla lġim irrappreżentat fost l-oħrajn mill-pesta u tagħlqu f'konfini; fil-mument li titilqu jiġri għax issarrfu f'diskors tkun ukoll qed tagħlqu, anki għaliex id-diskors li fih twasslu, mimli metafori, huwa wkoll parti (għajr "miżbla") mit-tradizzjoni letterarja u kulturali magħrufa u rispettata. Il-poeta jidentifika l-imxija immorali, l-ispazji maħmuġin, imma jistabbilixxi minnufih li huma pprojbiti, kontra r-regola.

Tentattivi bħal ta' Dun Karm li jikkontrollaw id-diżordni, li jnaddfu jew jevitaw il-ħmieġ, huma azzjonijiet pożittivi u meħtieġa f'kull soċjetà. It-twemmin fit-tniġġis, bħal dak li tirreferi għalih din il-poeżija, joffri lingwaġġ iebes li jġiegħel lin-nies iġiegħlu lil xulxin, bis-sewwa jew bid-dnewwa, jimxu mar-regola, iġibu ruħhom "kif suppost," u jġegħelhom ukoll jirriflettu fuq l-ordni soċjali, għax iħossu l-ħtieġa li jipproteġu dak li hu sagru mill-profanazzjoni (Fardon 85) jew l-istupru tal-warda tax-xbubija. Peter Serracino Inglott jitkellem dwar is-setgħa tal-arti li taħkem, bħal domatur fiċ-ċirku, lill-"mostri ġewwenin" li kapaċi jaħkmu lill-bnedmin. Waqt li poeta bħal Albert Marshall, li fuqu jitkellem Serracino Inglott, jara dawn l-impulsi "immorali" bħala materja prima u għajn kbira ta' ispirazzjoni, Dun Karm jarahom bħala mostri li jħarbtu u jħallu konsegwenzi morali kbar u forsi irreparabbli, u għalhekk iridu jitrażżnu għalkollox. Fil-fehma ta' Marshall l-artisti għandhom iqiegħdu dawn il-mostri f'forma mogħnija bi sbuħija li ssaħħar u jistgħu jistqarru l-eżistenza tagħhom apertament, għax b'hekk biss jistgħu jneħħulhom il-velenu u jittrasformawhom f'mediċina spiritwali (P. Serracino Inglott 21). F'Marshall l-irkejjen mudlama tal-bnedmin huma tafal għall-azzjoni tal-konxju mdawwal u m'hemmx konfini fissi bejniethom, waqt li f'Dun Karm, iċ-ċaħda tal-mostri tad-dlam tiddependi mill-identifikazzjoni inekwivokabbli tagħhom, mis-separazzjoni tas-sħana tal-fidi mill-bruda tan-nuqqas ta' fidi, tas-saħħa mill-mard, tas-safa mill-qżież, il-verġni mill-mara li tmur ma' kulħadd.

Minkejja l-għadab li tesprimi l-poeżija "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada," Dun Karm jittrasforma l-forzi negattivi permezz tal-kompliċità tal-lingwaġġ figurattiv li tikkultiva intimità bejn it-test letterarju u l-qarrejja tiegħu. David E. Cooper jara l-kultivazzjoni ta' intimità, espressjoni ta' Ted Cohen, it-tkattir ta' interazzjoni soċjali, bħala waħda mill-funzjonijiet tal-metafora, għax id-diskors metaforiku jikkrea familjarità jew intimità bejn il-kelliema, u bejn il-kelliema u d-dinja tagħhom (140). Dan Sperber jirreferi għal dan l-element bħala "*le sentiment de communion*" li tevoka l-metafora (Cooper 40). Il-kultivazzjoni ta' intimità hija "*the best candidate for that 'need and power of the spirit and heart' which, according to Hegel, metaphor manifests*" (Cooper 168). Ted Cohen jgħid li normalment naraw l-intimità bħala xi ħaġa tajba, iżda kultant dak li jkun jersaq viċin biex il-forza tad-daqqa li jagħti tinħass aktar (11-12), u din hija waħda mill-affarijiet li qed jagħmel Dun Karm bl-użu estensiv tal-metafora f'din il-poeżija li fiha jrid iċaqlaq lill-Maltin mill-bruda tagħhom.

Filwaqt li qed iċaqlaq simpatija lejn Malta billi jaqsam mal-qarrejja tiegħu l-identifikazzjoni metaforika tagħha mal-warda u x-xbubija, qiegħed jidentifikaha wkoll mal-miżbla, li iktar ma tkun qrib tagħha iktar iddejqek. Madankollu, l-użu nnifsu tal-metafora jikkrea relazzjoni mal-qarrejja għax il-poeta qed jaqsam mument kreattiv prezzjuż magħhom, anki jekk qed imaqdar, lill-qarrejja stess, u b'dan il-mod qed jasal għal dik li Cohen isejjaħ il-"kisba tal-intimità" (1). "*There is a unique way in which the maker and the appreciator of a metaphor are drawn closer to one another.*" Permezz tal-metafora Dun Karm qed joħroġ stedina moħbija lill-qarrejja u meta l-qarrejja jagħmlu sforz speċjali biex jilqgħu l-istedina, it-transazzjoni tirrikonoxxi l-għarfien ta' "komunità." Dan dejjem jiġri fil-komunikazzjoni imma tant jindara li ma nagħtux kasu. L-użu tal-metafora jagħti prominenza lil din id-dinamika għax il-qarrejja jridu jagħmlu sforz ikbar biex jagħrfu u jaħfnu l-metafora (Cohen 8). Huma u jaqraw din il-poeżija ta' Dun Karm, il-qarrejja jafu, istintivament, li l-poeta qed jistedinhom biex jaħfnu l-qawwa tal-metafori tiegħu, bħal meta jinqeda b'xibka ta' metafori biex jistqarr li l-fidi tal-Maltin tal-imgħoddi "kitbet storja bid-demm" (v. 20), b'kuntrast ma' issa, li "ma baqax ħlief kliem" (v. 16).

Barra minn hekk, is-sbuħija nfisha tal-lingwa poetika, minkejja l-kliem iebes, tesprimi t-tama u l-fiduċja tal-poeta. "*Styles will change*," jikteb Prosper Grech fl-1961, "*but beauty of diction will always be measured against Dun Karm's use of words*" (52). Fir-riċensjoni tiegħu tal-ktieb ta' Grech u Arberry, l-Arabista Pierre Cachia jikkummenta wkoll dwar il-gost u l-"edifikazzjoni" li tħoss meta taqra poeżija ta' Dun Karm, dwar ix-xbihat li huma "*pleasing and apposite*" u s-sentiment għoli u veru, sinċier (356). Fis-saffika ta' Dun Karm hemm dan il-ġmiel u dan il-kontroll marsusin b'mod li l-kruha u d-diżordni jkollhom iċedu għas-sublimazzjoni u l-ordni.

Dun Karm irid jittrażmetti t-trasformazzjoni li f'għajnejh għaddiet minnha l-ġrajja tal-Maltin, li fl-imgħoddi ssawret bil-fidi u bid-demm u issa mhix ħlief diskors fieragħ, mingħajr azzjoni: permezz tal-lingwaġġ figurattiv u r-retorika meqjusa tiegħu, il-poeta u l-poeżija tiegħu jiltaqgħu mal-qarrejja meta dawn jilqgħu l-istedina li jesploraw u jaħfnu din id-diġenerazzjoni morali u kulturali tal-Maltin."*The sense of close community*," jikteb Ted Cohen, "*results not only from the shared awareness that a special invitation has been given and accepted, but also from the awareness that not everyone could make that offer or take it up*" (9-10). Permezz tal-mument speċjali tal-metafora, il-poeta qed jafda l-ħsus u l-preokkupazzjonijiet l-aktar intimi u urġenti tiegħu mal-qarrejja, u l-qarrejja qed jagħtuh il-fiduċja tagħhom f'att konxju ta' kompliċità.

Għaldaqstant, waqt li jinqeda b'għadd ta' metafori rikorrenti biex jikkundanna l-imġiba tal-Maltin ta' żmienu; waqt li jbiegħed lilu nnifsu konxjament minnhom u jbiegħed lilhom mir-renju tas-satra u sliem, ta' fidi u qlubija, Dun Karm jinqeda bl-istess metafori biex joħloq komunità ma' dawk li jħossu affinità mad-diskors tiegħu, anki ma' dik il-Malta li l-imġiba tagħha jqisha bħala tradiment tal-patrija kulturali u morali imma li kliemu għandu l-għan li jqanqalha biex terġa' taqbad dik li hu jqisha bħala t-triq it-tajba u tfittex lil min ifejjaqha mill-mard morali u kulturali li ħakimha. Inevitabbilment, Dun Karm jinqeda bil-metafora, b'dik li spiss titqies bħala l-aktar espressjoni verbali b'saħħitha, l-aqwa fost it-tropi, biex jikkumbatti l-kultura fiergħa tal-kliem li ħakmet lill-Maltin. Fil-mument tal-metafora hemm il-kundanna ħarxa u għalhekk il-firda, imma hemm ukoll il-potenzjal li tiġġedded il-komunità.

**A Malta**

O nudrita di sole e di vittoria,
delle figlie del mar la prediletta,
o picciol terra dalla grande storia,
o Malta, che tu sii benedetta!

Chè tu sei bella, o che de la tua gloria
t'ammanti nel Settembre, o che soletta
cammini per le vie senza una boria,
buona, raccolta nella tua faldetta.

Ma, deh! non ti fidar, chè la bellezza
ha un fascino crudel, e chi l'agogna
non ha sempre nel cor la gentilezza.

Perciò sta ferma; non ti cambiar di tempre:
chi torna indietro rischia la vergogna:
stringi il vessillo tuo e avanti sempre.

Miktuba fl-1922 (Dun Karm, *Le Poesie Italiane*)

**Lil Malta**
(Wara l-ġrajja ta' Pentekoste tal-1931)

Kont il-"Warda tad-dinja" w l-isem tiegħek
Kien imżejjen bil-ġieħ kull fejn jinsama',
Fuq is-saħħa ta' fehmtek u ta' driegħek
Mill-ġnus għaqlija kull tifħir inġama'.

Issa tbiddilt għax dawk li żżomm bi ħbiebek
Tefgħu is-semm ġe' qalbek u ġe' ħsiebek.

Inżel ftit ieħor u tismagħha tfaqqa'
Faħxija d-daħka ta' min tak id-daqqa.

Oliver Friggieri jikteb li "F'kopja oħra ta' din il-poeżija għand Ġużè Cardona, flok 'faħxija' hemm 'żienja,' li hawn hi maqtugħa, u hemm ukoll id-data 25/10/31" (*Il-Bniedem fil-Poeta* 114)

**Lil Malta**
**Tal-Lum u ta' Għada**

*Malta fior del mondo*
*(Qawl ta' qabel żmienna)*

Kont il-warda tad-dinja u sirt bħal miżbla;
minn kull xorta ta' qżież dieħel ġe' fik;
inti tilqgħu u tifraħ, mara belha!
u d-dinja tidħak bik.

Fejn hu l-għaqal tar-rġiel? Fejn hi tan-nisa
il-mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies?
X'sar minnha l-warda tax-xbubija? Ahi qada!
kollox irmejt bla qjies,

għax ruħek mardet. Mingħajr ebda rażan
is-semm barrani dieħel ġol-ibliet,
u ż-żgħażagħ tiegħek jixorbuh u jiskru,
jitkażbru bid-dnubiet,

u s-semm joktor u jiġri, u miexja l-pesta
fir-rħula wkoll u jmut quddiemha s-sliem;
ma fadallek lil ħadd min jilqa' l-ħsara,
għax ma baqax ħlief kliem.

U qalbek birdet, għax m'għadhiex issaħħnek
dik l-Emmna mqaddsa li fil-jum tal-hemm
kissret l-għodda tal-għira u fuq Sant'Jiermu
kitbet storja bid-demm

u rebħet għadu li ħadd ma kien rebaħ;
inti kollox niġġist, djar u triqat;
sa fis-satra tal-knisja ddaħħal miegħek
il-kesħa tal-frugħat.

Oh! meta jasal bit-tifkira mqaddsa
Settembru mbikki u fl-oqbra minsijin
jitħarrek bi tnehida twila l-għadam
ta' dawk il-qalbenin,

isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,
bir-rand f'idejk quddiem il-Monument;
jiena ngħidhulek: Gidba sar tifħirek,
u gidba l-Monument;

għax jiena rajthom lil missirijietna,
erwieħ ħosbiena, iduru mal-iswar,
ħarsthom miksura, marbutin dirgħajhom
fuq isdra tal-azzar,

ifittxu, ifittxu l-wirt li ħallew huma,
u jxenglu rashom għax ma rawh imkien;
u reġgħu niżlu ġe' qabarhom, ħiemda,
bħal min tilef iż-żmien.

Malta! Jekk għadu ma nkitebx fis-sema
għalik il-ħaqq li mess lil Babilôn, (1)
arġa' lura fuq triqtek; Min ifejqek
jistenniek ġe' Sijôn.

15-XI-34

(1) Curavimus Babylonem et non est sanata; derelinquamus eam.
Dorna biha lil Babilôn u ma fiqetx; inħalluha.
Ġer. c. 51 v. 9.

*Leħen il-Malti*, Nov.-Diċ. 1934

**Liema?**
**Bejn is-Sena 1940 u l-1943**

Malta tiegħi, jien rajtek filgħaxija
Tiġġerra max-xtajtiet u t-triqat tiegħek;
Tilbes, titkellem, tidħak bla mistħija
U fi mħabbiet bla ġieħ, belha titmiegħek.

Iżda rajtek ukoll, mara għaqlija,
Tinsatar f'libsa rżina sa fuq driegħek
Fid-dar t'Alla titnaddaf minn kull ħtija
U titlob lil Ġesù li jibqa' miegħek.

U jiena ħsibt, u l-ħsieb wasal fi lsieni;
Liem' huwa l-wiċċ tassew ta' Malta tagħna?
L-ibleh tal-ewwel, jew l-għaqli tat-tieni?

Leħen moħbi weġibni dak il-ħin:
Tat-tieni l-wiċċ sabiħ tal-art setgħana;
L-ieħor maskra li ġiebu l-barranin.

*Il-Malti*, Settembru 1941

## Biblijografija


Abela, Gio Francesco. *Della Descrittione di Malta, Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichita, ed Altre Notitie. Libri Quattro.* Malta: Paolo Bonacota, 1647. Google Books. Internet. 21 ta' Ott. 2011.

Aquilina, Joseph. *Maltese-English Dictionary.* 2 vol. Malta: Midsea Books, 1987-1990. Stampat.

André, Serge. "New Reflections on the Taboo of Virginity." Trans. Lindsay Watson. The Centre for Freudian Analysis and Research. jcfar.org. Internet. 18 ta' Nov. 2011.

Arberry, A. J., *Dun Karm Poet of Malta.* London: Cambridge University Press, 1961. Stampat.

Ashcroft, Bill, Gareth Griffiths and Helen Tiffin. *Post-Colonial Studies. The Key Concepts.* New York: Routledge, 2000. Stampat.

Awlad Ahmed. "Dwar: Kostum ta' Għarbi." Messaġġ lil Adrian Grima. 21 ta' Nov. 2011. Ittra elettronika.

Azzopardi, Ġeraldu. *Għejdut Manwel Dimech.* Malta: Union Press, 1978. Stampat.

Azzopardi, Mario. *Dun Karm: Bejn il-Vatikan, id-Duċe u l-Kuruna.* Malta: PEG, 1993. Stampat.

Badger, George Percy. *Description of Malta and Gozo.* Malta: M. Weiss, 1838. Google Books. Internet. 14 ta' Nov. 2011.

Bonnici, Ġużè. *Ħelsien.* Malta: Excelsior Press, (1939) 1940. Stampat.

Busuttil, V. *Diziunariu mill Malti ghall Inglis* (1900). 2 ediz. Ed. Giovanni Magro. Malta: Stamperija Lombardi, 1932. Stampat.

Cachia, Pierre. "Review of A. J. Arberry and P. Grech '*Dun Karm, poet of Malta.* Texts chosen and translated by A. J. Arberry; introduction, notes and glossary by P. Grech.'" *Bulletin of the School of Oriental and African Studies,* 25, 1962: 356-357. Internet. 15 ta' Nov. 2011.

Cardona, Ġużè. *Dun Karm: Ħajtu u Ħidmietu.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 1972. Stampat.

Cassar, Carmel. *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta.* Malta: Mireva, 2000. Stampat.

Cohen, Ted. "Metaphor and the Cultivation of Intimacy." *Critical Inquiry,* Vol. 5, No. 1, Special Issue on Metaphor (Autumn, 1978): 3-12. The University of Chicago Press. *JSTOR.* Internet. 10 ta' Mejju 2011.

Cooper, David E. *Metaphor.* Oxford: Basil Blackwell, 1986. Stampat.

Cornet, Fernando María. *Saggi patristici.* Trento: UNI Service, 2010. Google Books. Internet. 21 ta' Nov. 2011.

d'Avity, Pierre. *Description générale de l'Afrique. Seconde partie du monde. Avec tous ses empires, royaumes estats, et republiques.* Paris: Claude Sonnius, 1637. Gallica. Bibliothèque nationale de France. Internet. 21 ta' Nov. 2011.

Dimech, Manwel. *Ivan u Praskovja u Kitbiet Oħra.* Ed. Mark Montebello. Malta: SKS, 2011.

Douglas, Mary. *Purity and Danger.* 2 ediz. Oxon: Routledge, 2002. Stampat.

*Dun Karm.* Dir. Paul Azzopardi. Dokumentarju. Dipartiment tat-Tagħrif, 2011. DVD.

Dun Karm. *Il-Poeżiji Miġbura.* Ed. Oliver Friggieri. Malta: Klabb Kotba Maltin u Karmen Mikallef Buħaġar, 1980. Stampat.

— *Le Poesie Italiane.* Ed. Oliver Friggieri. Malta: Malta UP, 2007. Stampat.

Eco, Umberto. "The Scandal of Metaphor: Metaphorology and Semiotics." *Poetics Today.* Vol. 4, No. 2, Metaphor. Trans. Christopher Paci and Umberto Eco (1983): 217-257. *JSTOR.* Internet. 21 ta' Nov. 2011.

Ellul (Mercer), Ġużè. "Malta Ġenna tal-Art" *Il Cotra.* 29 ta' Mejju 1930. Stampat.

Ellul Mercer, Ġużè. *Leli ta' Ħaż-Żgħir.* 1938. Malta: Associated News, 1983. Stampat.

Ercole, Francesco. "Per la Storia di Malta." *Archivio Storico di Malta.* Roma: Regia Deputazione per la storia di Malta. 28 ottobre 1935, XIII. Anno VII, fasc. 1: 5-12. Stampat.

Fardon, Richard. *Mary Douglas: an intellectual biography.* London: Routledge, 1999. Google Books. Internet. 21 ta' Ott. 2011.

Farini, Aldo, ed. *Fior del Mondo.* 6 vol. Torino: Società Editrice Internazionale; Malta: Ditta Giovanni Muscat, 1932. Stampat.

Frear, Sara. "The Image of the Rose." Cloisters Museum Gallery Talk. Notes on talk given by Robyn Greenstone. The Augustine Club at Columbia University, 1997. Internet. 17 ta' Nov. 2011.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji.* 2 ediz. Malta: PEG, 1996.

— *Dun Karm* Malta: Toni Cortis, 1989. Stampat.

— *Dun Karm – Il-Bniedem fil-Poeta.* 2 ediz. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1985. Stampat.

— *Il-Ġbir tal-Poeżiji Kollha bit-Taljan u bil-Malti ta' Dun Karm.* Malta: APS Bank, 2011. Stampatċ

— "Dwar: Il-poeżija mhux ippubblikata 'Lil Malta.'" Messaġġ lil Adrian Grima. 24 ta' Nov. 2011. Ittra elettronika.

— *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm.* Malta: L-Università ta' Malta, 1978.

Galea, Marco. "Fil-bidu kien il-verb... u l-verb kien Malti: Il-ġenesi tal-letteratura bil-Malti u l-identità nazzjonali." M. Galea 3-14.

Galea, Marco, ed. *Ta' Barra minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija,* Malta: L-Akkademja tal-Malti u KKM, 2011. Stampat.

Galea, P. P. *Il Kerk ta'd-Demoniu micxuf f'Malta.* Malta: Stamperija Giuseppe Cumbo, 1912. Stampat.

Ganado, Albert. "Bibliographical Notes on Melitensia 2." *Melita Historica.* 2004 Vol. XIV, no.1: 67-93. Stampat.

Gauci, G. "Sinjorina Chif Imbdilt!" *Il Ħmara.* 30 ta' Mejju 1931. Stampat.

Grech, Mario. "Il-Fwieħa ta' Kristu. Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fit-tifkira tal-ewwel anniversarju minn meta l-Papa Benedittu XVI ta l-Warda tad-deheb lill-Madonna ta' Pinu." Santwarju Madonna ta' Pinu, It-Tnejn, 18 ta' April 2011. gozodiocese.org. Internet. 17 ta' Nov. 2011.

Grech, Michael. "X'Ħasibna? Għarab Slavaġ tal-Mokololo? Ir-Razza fil-kitba ta' Manwel Dimech." M. Galea 46-85.

Grech, Prosper. "Introduction," *Dun Karm Poet of Malta.* Ta' A. J. Arberry. London: Cambridge University Press, 1961. Stampat.

Gregory, Eileen. "Virginity and Erotic Liminality: H. D.'s 'Hippolytus Temporizes.'" *Contemporary Literature,* Vol. 31, No. 2 (Summer, 1990): 133-160. *JSTOR.* 17 ta' Nov. 2011.

Grima, Adrian. "Dominant Metaphors in Maltese Literature." Teżi tad-Dottorat fl-Università ta' Malta, 2003. Stampata.

— *"Dgħajjes Qodma u Maħmuġin." Dun Karm, id-Dielja u l-Barranin.* Malta: Kumitat Festi Nazzjonali, 2004. Stampat.

Hull, Geoffrey. *The Malta Language Question. A Case Study in Cultural Imperialism.* Malta: Said International, 1993. Stampat.

Kaiser, David Aram. *Romanticism, Aesthetics, and Nationalism.* Cambridge: Cambridge UP, 2004. Google Books. Internet. 21 ta' Nov. 2011.

Kasvikis, Kostas, Nicholas Vella & Louise Doughty (with contributions by Jonathan Borg & Joseph Magro Conti). "National Curricula and the Politics of Archaeology." *Mediterranean Prehistoric Heritage: Training, Education and Management.* Ed. Hodder, I and Doughty, L. McDonald Institute Monographs. 129-144. Cambridge: McDonald Institute for Archaeological Research, 2007. Stampat.

Kedourie, Elie. *Nationalism.* 4 ediz. Oxford: Blackwell, 2004. Google Books. Internet. 17 ta' Nov. 2011.

Kozma, Liat. "Negotiating Virginity: Narratives of Defloration from late nineteenth-century Egypt." huji.academia.edu. Internet. 17 ta' Nov. 2011.

Lakoff, George and Mark Johnson. *Metaphors We Live By.* Chicago: U of Chicago P, 1980. Stampat.

Maalouf, Amin. *On Identity.* Trans. Barbara Bray. London: Harvill, 2000. Stampat.

Macfie, Alexander Lyon, ed. *Orientalism. A Reader.* New York: New York UP, 2000. Stampat.

Methodius, *The Banquet of the Ten Virgins, or Concerning* Chastity. christianbookshelf.org. Internet. 19 ta' Nov. 2011.

Montebello, Mark. *Dimech.* Malta: PEG, 2004. Stampat.

Morris, Pam. *Literature and Feminism: An Introduction.* Oxford: Blackwell, 1993. Stampat.

Museo Nazionale Preistorico Etnografico "Luigi Pigorini," Roma. "Luigi Maria Ugolini. Un archeologo italiano a Malta" (12 maggio - 12 giugno 2007). pigorini.beniculturali.it. Internet. 21 ta' Nov. 2011.

Nigra, Costantino. *Canti popolari del Piemonte.* Torino: E. Loescher, 1888. archive.org Internet. 21 ta' Nov. 2011.

Orazju. *De Arte Poetica.* Trad. Oliver Friggieri. 2 ediz. Malta: Toni Cortis, 1988. Stampat.

Pessina, Andrea u Nicholas C. Vella. *Luigi Maria Ugolini. Arkeologu Taljan f'Malta.* Malta: Uffiċċju tal-Prim Ministru. Bla data. Stampat.

Pessina, Andrea, and Nicholas C. Vella. *Luigi Maria Ugolini. Un Archeologo Italiano a Malta / An Italian Archaeologist in Malta.* Malta: Midsea, Heritage Malta, 2005. Stampat.

Pio XII. *Sacra Virginitas. La Consacrata Verginità.* 1954. vatican.va Internet. 19 ta' Nov. 2011.

Psaila, Carmelo. *Dizzjunarju Ingliż u Malti.* 3 volumi. Malta: Il-Gvern ta' Malta, 1947-1955. Stampat.

Puppo, Mario. *Il romanticismo.* 6 ediz. Roma: Edizioni Studium, 1979. Stampat.

Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese Biographies.* 2 vol. Malta: PIN, 2009). Stampat.

Serracino Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti.* 9 vol. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975-1989. Stampat

Serracino Inglott, Peter. "Studju." *Dħaħen fl-Imħuħ.* Ta' Ġorġ Borg, Oliver Friggieri u Albert Marshall. Malta: Giov. Muscat, 1967. 3-25. Stampat.

Ugolini, Luigi M. "La Preistoria di Malta e quella del Bacino Mediterraneo." *Archivio Storico di Malta.* 28 ottobre 1935, XIII. Anno VII, fasc. 1: 13-32. Stampat.

Ugolini, Luigi M. *Malta, origini della civiltà mediterranea.* Roma: La Libreria dello Stato, 1934. Stampat.

Varisco, Daniel Martin. *Reading Orientalism. Said and the Unsaid.* Seattle: University of Washington Press, 2007. Stampat.

WordWeb 6.1. WordNet. Princeton University. 2006. wordweb.info. Diġitali. www.tunisie-genealogie.com. 20 ta' Ott. 2011. Internet.

Xuereb, Kenneth. "50 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila." maltarightnow.com. 13 ta' Ottubru, 2011. Internet. 20 ta' Ott. 2011.

Yates, Sybille L. "An Investigation of the Psychological Factors in Virginity and Ritual Defloration." 1930. The Centre for Freudian Analysis and Research. jcfar.org. Internet. 19 ta' Nov. 2011.

Yu, Ning. "Metaphor from Body and Culture." *The Cambridge Handbook of Metaphor and Thought.* Ed. Raymond W. Gibbs. Cambridge: Cambridge UP, 2008. 247-261. Diġitali.

Zingarelli, Nicola, Vocabolario della Lingua Italiana. 12-il ediz. Bologna: Zanichelli, 1998. Stampat.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA LIBRARY

**Adrian Grima** jgħallem il-Letteratura Maltija fl-Università ta' Malta. Kiseb id-dottorat b'teżi dwar ħames metafori ewlenin fil-kostruzzjoni tal-immaġinarju nazzjonali fil-letteratura Maltija. fosthom metafori li jinsabu fil-qalba tad-dinja poetika ta' Dun Karm.

Dr Grima tkellem f'konferenzi internazzjonali fil-Mediterran, l-Ewropa, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Asja u l-Karibew. Ippubblika studji dwar il-letteratura, il-kultura u r-rappreżentazzjoni tal-Mediterran f'kotba akkademiċi li ħarġu f'Malta, l-Alġerija, il-Brażil, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, u r-Renju Unit. Il-kitbiet letterarji tiegħu rebħu premjijiet f'Malta u barra minn Malta u huwa l-koordinatur tal-organizzazzjoni kulturali volontarja Inizjamed li torganizza l-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta.

Fuq Dun Karm ippubblika, fost l-oħrajn, *"Dgħajjes Qodma u Maħmuġin." – Dun Karm, id-Dielja u l-Barranin* (Kumitat Festi Nazzjonali, 2004) u "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo" (*Symposia Melitensia*, 2008). Is-sit personali tiegħu jinsab fl-indirizz adriangrima.com.

## Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar
Konferenza Dun Karm

## It-Taħditiet Kollha

| | | |
|---|---|---|
| 1976 | Dun Karm u Żminijietu | Ġużè Aquilina |
| 1977 | Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm | Oliver Friggieri |
| 1979 | Aspetti Stilistiċi tal-Poeżija ta' Dun Karm | Edward Fenech |
| 1981 | Dun Karm u l-Element Femminili fil-Poeżija | Ġużè Cardona |
| 1983 | Żjieda ta' Tagħrif dwar Dun Karm | Ġużè Cassar Pullicino |
| 1985 | Temi Bibliċi fil-Poeżija ta' Dun Karm | Karm Sant |
| 1987 | L-Arkeoloġija f'Dun Karm | Anthony Bonanno |
| 1989 | Filosofija u Xbihat f'Dun Karm "Itektek Bil-Għasluġ" | Peter Serracino Inglott |
| 1991 | Kurrenti Kuntrarji f'*Il-Jien u Lil Hinn Minnu* | Daniel Massa |
| 1993 | *Il-Jien u Lil Hinn Minnu.* Dun Karm u Blaise Pascal | Joe Friggieri |
| 1995 | Dun Karm u l-Kritika | Peter Vassallo |
| 1997 | L-Istrateġija Psikostilistika f'Dun Karm | Charles Briffa |
| 1999 | Dun Karm u l-Poeżija Taljana | Joseph Eynaud |
| 2002 | Dun Karm – L-Ambjent Żebbuġi u Lil Hinn Minnu | Frans Sammut |
| 2004 | "Ħsiebi bħal agħma..." Tieqa fuq Ħsieb Dun Karm | Roderick Bovingdon |

Tagħrif miġbur minn Joseph P. Borg

Aktar minn poeżiji oħrajn ta' Dun Karm, "Lil Malta. Tal-Lum u ta' Għada" hija maħkuma mill-mument tal-metafora, mill-ħeffa trażgressiva ta' trasformazzjonijiet skomdi, ta' mara għaqlija li ssir mara tat-triq, ta' erwieħ f'saħħithom li jimirdu bil-ħażen, ta' rħula li tidħol fihom il-pesta u ġġorrhom magħha, tas-sħana tal-Fidi li tiksaħ donnha f'salt, ta' tradimenti. Hemm id-diżordni f'din il-poeżija ta' Dun Karm, l-abbandun, għal waqt sinifikattiv, tal-kelma meqjusa, u l-ħakma minflokha tal-għadab. Kollox iseħħ f'salt, bħalma jiġri dejjem bil-metafora. Mhix metafora għalkollox ġdida, imma l-kuntest li fiha jqegħedha Dun Karm jagħtiha emozzjonijiet u dinamiċità mhux mistennija f'poeta li dejjem jeżerċita kontroll fuq il-materja prima tiegħu. Dan in-nuqqas ta' kontroll huwa apparenti, għax is-saffika tal-poeżija tliġġem l-għadab, tiċċirkonda l-miżbla, tikkontrolla t-tniġġis.

*Adrian Grima*

Mingħajr l-istandards u l-valuri tradizzjonali ma nagħrfux l-innovazzjoni tagħna stess, iżda mingħajr l-ilħna innovattivi tagħna t-tradizzjoni ma jkollhiex leħen (jew eżistenza) fil-preżent (u ma tkunx tista' tiżvela l-innovazzjoni tagħna). Din l-interdipendenza bejn il-memorja poetika u r-reazzjonijiet tagħna għaliha kienet prinċipju fundamentali ta' T. S. Eliot, u naħseb li għandha tkun waħda mill-miri tad-Dipartiment tal-Malti, li qiegħed fil-Fakultà tal-Arti, dik il-parti tal-Università li tistħarreġ kif it-tradizzjoni umanistika u l-arti tal-passat qegħdin kontinwament jiffurmaw id-dinja umana. Hu f'dan l-ispirtu li d-Dipartiment organizza din l-okkażjoni, b'diskors ta' Adrian Grima dwar Dun Karm. Il-proċess li bih nippreservaw xogħol letterarju hu poetiku daqs il-ħolqien innifsu tax-xogħol. Dan il-prinċipju ta' Martin Heidegger għandu jimmotiva t-tagħlim, ir-riċerka, u l-avvenimenti letterarji kollha fid-Dipartiment tal-Malti.

***Bernard Micallef***